IT-TIENI KTIEB
TAL-ĦDAX-IL-SENA

ĠUNJU
1935

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GħADD

Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti — In-Naħal (T. Z.) — Ballata (J. C.) — Tagħrif tal-grammatika (P.P. SAYDON) — L-Ilma tal-faraġ (DUN KARM) — Mikiel Anton Vassalli (A. C.) — Lil Sidna Ġesù Kristu (NISRANI) — Id-drawwiet ħżiena (A. NICHOLAS) Lill-għajjur (R. M. B.) — Il-Madonna ta' Lourdes — Qassis Ġdid (DUN KARM) — Għajdut Malti (V.M.B.) — Il-ħrafa ta' kif il-mewt hija għamja u truxa (V.M.B.) — Kotba li waslulna.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIENI KTIEB TA' L-1935


## IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

### KIF TNISSLET—X'KELLHA TAGĦMEL—X'GĦAMLET

I. Ħu biċċa ħaġra taż-żnied, żommha tajjeb bejn is-saba' l-kbir u l-werrej ta' idek ix-xellugija; ħu biċċa azzar u żommha tajjeb bejn dawk is-swaba' ta' idek il-leminija, bl-azzar agħti daqqa ħafifa u qawwija fuq il-ħaġra u inti tara toħroġ xrara sabiħa li tista' tkebbislek il-lixka u tagħmillek in-nar. Donnu fil-ħaġra hemm bħal qawwa rieqda, illi meta tolqotha bis-saħħa u għalgħarrieda, tqum, tixgħel, u taħrab.

Hekk, bosta drabi, fil-qalb tal-bniedem. Ikun hemm bħal qawwa moħbija, siekta, bierda, illi, ma' kelma li tolqotha sewwa tqum, tixgħel u titbiddel f'ħajja sabiħa, ta' ħerqa, ta' mħabba, ta' xogħol li jgħaġġeb.

U hekk tnisslet il-"**Għaqda tal-Kittieba tal-Malti**",

Kien hawn daqqa ta' għoxrin ruħ, li sa minn l-1911, kienu jiktbu f'"*Il-Ħabib*", b'xejra letterarja sabiħa, kull wieħed fil-qasam tiegħu—storja, xjenza, poeżija, snajja', eċċ.—u f'kull wieħed minnhom kien hemm xewqa safja li jwaħħad, iżejjen u jwettaq dan il-lsien tagħna, bil-bosta maħbub u bil-bosta mgħajjar. Kienet qawwa moħbija; qawwa ta' rieda tajba, qawwa ta' qalb mixgħula, qawwa—ngħiduha wkoll—ta' dehen u ta' għaqal, li donnha kienet tistenna min iħeġġigħa.

F'Settembru ta' l-1920,—wara l-filġa letterarja ta' żmien il-gwerra-l-kbira - xiħadd li staħba taħt l-ittri X. C., bagħat lill-"*Ħabib*" talba, fejn bil-għaqal u bil-ħrara wera l-ħtieġ li titwaqqaf Xirka, jew issir Għaqda, biex fiha jingabru s-setgħet kollha, sa dak-in-nhar imxerrdin, tal-kittieba tal-Malti, bħal ma jingabru l-ilmijiet tax-xita f'ġibjun minn fejn, wara li

jissaffew, johorġu u jitqassmu; iżda fehma waħda, xejra waħda, lewn wieħed u togħ na waħda.

Kienet id-daqqa ta' l-azzar fuq iż-żnied. Dik il-qawwa moħbija fil-qalb ta' ħafna kittieba tal-Malti tħarrket, kibset u tajret xrar ta' rieda tajba, ta' ħrara sabiħa, ta' ħidma fejjieda.

Fid-9 ta' Novembru ta' dik is-sena, ħarġet ċirkulari tistieden lill-kittieba kollha tal-Malti jieħdu sehem fl-ewwel laqgħa li kellha ssir nhar l-14 tax-xahar, fid-Dar ta' l-*Unione Cattolica San Giuseppe* tal-Belt Valletta.

Sitta-u-tletin kittieb dehru għal dik il-laqgħa: oħrajn li ma setgħux jiġu, fissru b'ittri sbieħ ix-xewqa li kellhom li jieħdu sehem u l-għali li ma setgħux itemmu xewqithom.

Saret il-ħatra tal-President u tas-Segretarju; ta' l-ewwel il-Kav. G. Muscat-Azzopardi, P.L.; tat-tieni, is-sur F. S. Caruana, li kien staħba taħt l-ittri X. C. Ngħażlet ukoll kummissjoni ta' ħamsa min-nies, biex tiesti rapport fuq l-ortografija tal-Malti, magħmula hekk: Il-Kav. G. Muscat-Azzopardi, is-sur P. F. Bellanti, il-Mons. P. Galea, is-sur Nin Cremona u l-Prof. Dun Karm Psaila, għal Malta; is-sur Ġann Vassallo, l-avukat Ġużê Micallef, u l-Mons. P. Cauchi għal Għawdex, biex igħinu lil dawk ta' Malta.

Hekk saret il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, u hekk hi tefgħet is-sisien tagħha issa ilha 'l fuq minn erbatax-il-sena.

II. X'kellha tagħmel il-"Għaqda" biex taqdi dmirha kien qalu fi ftit kliem fl-ittri tiegħu X. C., jiġifieri: a) tħabrek biex tħajjar u kemm jista' jkun iġġagħal lill-kittieba kollha tal-Malti jżommu ortografija waħda; b) ixxerred qalb il-poplu kitba tajba u fejjieda, aktarx maħduma mill-ixirka tagħha.

Biex taqdi l-ewwel biċċa ta' dmirha, il-Għaqda kien jeħtiġilha l-ewwelnett tħejji alfabett li jkun iwieġeb mill-aħjar għall-ilħna kollha tal-lsien malti mitkellem biex imbagħad fuqu tibni l-ortografija, skond ma jitlob il-lsien. Għaliex, ħaġa tal-għaġeb! il-kitba tal-Malti tixbah ħafna lill-bini ta' djarna. Fil-bini, il-ġebla hi dejjem waħda, il-franka—ġebla maqtugħa mill-barrieri tagħna, ġebla ratba u ħelwa fix-xogħol, iżda ġebla li ma tintemm qatt, jekk taħsel trabbi l-qollieba. Is-sura tal-bini hi waħda wkoll: indana fuq l-oħra ta' ġebel kbir, minġur bis-sengħa u mqiegħed fuq sodda tajba biex jorbot sewwa waħda ma' l-oħra. Biss it-taqsim tad-dar, il-għadd tal-kmamar u tal-għorof, il-kobor u ċ-ċokon tagħhom, iż-żîna tal-faċċata jkunu kif iridhom is-sid.

Hekk ukoll fil-kitba, jekk għandha tkun kitba tajba : alfabett wieħed, ħelu fix-xogħol bħall-ġebla maltija, iżda qawwi meta biż-żmien irabbi ż-żlieġa, għaliex ma fihx element barrani li jġagħalu jmermer; u ortografija maħduma b'dak l-alfabet, bis-sengħa skond ma titlob is-sura tal-lsien malti. Jekk imbagħad il-kitba hix proża jew poeżija, hix fit-tul, jew filqosor, jekk hix imżejna u mirquma, inkella lixxa u rżina, dan imur mal-fehma ta' min jikteb.

Biex taqdi t-tieni biċċa ta' dmirha, il-Għaqda kien jeħtiġilha tistudja sewwa x-xejriet tal-qarrejja tal-Malti, x'letteratura jħobbu l-iżjed, b'liema sura u b'liema għamla ta' kitba jitgħaxxqu u liema tiswielhom, u tfittex li tqabbel kemm jista' jkun il-kitba tagħha ma' dawk ix-xejriet; għaliex letteratura li ma tinqarax, għalkemm tajba fiha nfisha, ma tista' tagħmel ebda ġid.

Dan ma jfisserx illi l-Għaqda kellha toqgħod għall-kapriċċi tal-kotra, le; iżda kellha bil-għaqal, bis-sabar, bil-ftehim u bil-ħlewwa ddarri lill-qarrejja tal-Malti jagħżlu bejn kitba sabiħa u kitba bla gost, bejn kitba merfugħa u kitba mitluqa, kitba mimlija u kitba fiergħa, kitba tas-saħħa u kitba marida, fi ftit kliem, bejn kitba li tpaxxi l-moħħ u l-qalb u kitba li tagħrax biss lis-sensi u ma tagħmel ebda ġid.

Programm aktarx iebes, meta wieħed jifli sewwa f'liema madwar twieldet il-Għaqda u fuq liema faqar waqgħu għajnejha, malli tefgħet l-ewwel tnehida tal-ħajja.

III. X'għamlet il-Għaqda? Bħalma kien dmirha, l-ewwel ma għamlet ħejjiet l-alfabett; alfabett maħdum bir-reqqa u mqiegħed fuq sisien tajba, għaliex tista' tgħid li hu dak ta' l-Orjentalisti kollha, u ssibu fit-traskrizzjonijiet mill-ilsna tal-Ivant magħmulin mill-kittieba ta' kull nazzjon.

Tidher ħaġa ħafifa ssawwar alfabett, jiġifieri tagħżel xi disgħa-u-għoxrin ittra biex trodd bihom l-ilħna ta' lsien; iżda ma hux hekk. Kulħadd jaf u jħoss illi f'kull ilsien hemm xi dliel ta' ilħna hekk irqaq u hekk ħarraba li ma tistax taqbadhom u tagħlaqhom ġe' ittra, minn dawk li aħna nafu: għalhekk jista' wieħed jifhem illi ma hawn l-ebda alfabett fiddinja li jrodd bil-qies u bir-reqqa l-ilħna kollha tal-lsien li għalih kien maħtur.

Dan il-faqar u qosor u nuqqas ta' l-ittri jinħass iżjed, meta b'ittri ta' l-alfabett latin irridu nfissru ilħna ta' ilsna orjentali,

li jdoqqu bosta xort'oħra mill-ilsna kollha latini: u l-Malti hu wieħed minn dawn l-ilsna tal-lvant.

Iżda mhux dan it-tweghir biss kellha tirbaħ jew taħrab il-Għaqda fit-tiswir ta' l-alfabett tagħha: kienu drawwiet ħżiena li, bħal budebbus, tnisslu u kibru mal-kitba tal-lsien malti; l-użu ta' ittri li ma jroddu xejn il-leħen li għalih kienu qegħdin; ittri li issa jdoqqu u jinħassu mod u issa jdoqqu u jinħassu ieħor; ittri li ma tafx kif għandek tlissinhom, ħlief wara li tkun bid-dehen tiegħek qbadt xi jkun irid igħid il-kittieb, u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Le, le; ma kinetx ħaġa ta' xejn tagħżel u tħejji alfabett bħal dak li għażlet u ħejjiet il-Għaqda.

Imsawwar l-alfabett, il-Għaqda wettqet fuqu ortografija li fil-waqt li twieġeb tajjeb biżżejjed għal-liġijiet tal-lsien malti, tisfa għaqlija kemm tista' tkun, u ħafifa, l-iżjed għaċ-ċkejknin li qatt ma tgħallmu ortografija oħra.

U ma waqfetx hawn il-Għaqda. Ix-xogħol li kienet ħejjiet fi sbatax-il-laqgħa ma' tul sentejn ma kienx ikun ta' l-ebda fejda, kieku ma ħarġitux stampat u mxerred qalb il-kittieba u l-qarrejja tal-Malti. Is-sur Nin Cremona kien ġabar ix-xogħol kollu tal-Kummissjoni u b'sabar u dehen liema bħalhom hejjieh għal l-istampa. Iżda mingħajr flus f'idejha u mingħajr ebda għajnuna kif setgħet il-Għaqda toħroġ ix-xogħol tagħha? Għal min irid tas-sew, igħidu hemm dejjem trieq miftuħa. Ħabirket, kitbet, ħadmet ma' l-Awtorità u qalgħet li l-ktieb tagħha jkun mitbugħ fl-istamperija tal-Gvern, u (ingħiduh għall-ġieħ tal-Gvern ta' dik il-ħabta), fis-sena 1924 ħareġ it-"Tagħrif fuq il-Kitba Maltija", ktieb sabiħ u maħdum birreqqa, li witta t-trieq għall-kittieba kollha li fil-ħidma tagħhom kellhom xejra letterarja.

Għamlet iżjed. It-tifsir tar-regoli mingħajr it-turija pratka jiswa ftit li xejn: u biex turi kif għandu jinkiteb il-Malti b'dak l-alfabett u b'dik l-ortografija, il-Għaqda bdiet il-ħruġ ta' Rivista fejn setgħet tfisser u xxandar il-fehmiet tagħha, tħaddem is-setgħet letterari, tgħallem lill-barranin mill-Għaqda fejn isibu mirja ta' kitba maħduma bir-reqqa u bis-sengħa, tħajjar liż-żgħażagħ jintefgħu għal kitba xierqa u fejjieda, u tkebbes u tħeġġeġ f'kulħadd l-imħabba safja lejn ilsien pajjiżna, ilsien misserijietna.

U għaddew għaxar snin, u dik ir-Rivista għadha toħroġ kull tliet xhur bħalma kienet toħroġ fil-bidu, bla ma għawġet qatt mit-trieq li ħażżet lilha nfisha fil-bidu tal-mixi tagħha, bla

ma għajiet qatt, għalkemm fuq triqitha ltaqgħet ma' xkiel, ma' ħofor u ma' ħotob bla tarf; bla ma beżgħet qatt la mit-theddit anqas mit-tgħajjir, iżda bla ma tkabbret qatt bir-rebħiet tagħha, għalkemm ma setgħetx ma tfisserx għaxqitha meta fit-tul ta' ħajjitha ħalliet lura r-Rivisti l-oħra kollha, ta' sura bħal tagħha, li twieldu qabilha.

Anqas ma hu dan biss li għamlet il-Għaqda: nisslet Għaqda oħra ta' kittieba żgħażagħ, qalbenin, ferriħin, għaqlin; żgħażagħ ta' l-Università; u ma' din il-Għaqda twieldet Rivista oħra: "Leħen il-Malti", fejn minn tliet snin 'l hawn, bosta kittieba, fil-ftuħ ta' ħajjithom fissru, issa bi proża ħafifa u issa b'versi mexxejja u ħelwin, il-fehmiet tagħhom, il-ħsebijiet tagħhom, ix-xewqat u t-tqanqil ta' qalbhom.

U għamlet iżjed. Barra minn mijiet ta' artikoli, ħafna minnhom sbieħ tas-sew u kollha fejjieda, xi membri u xi ħbieb tal-Għaqda, mħeġġin mill-ispirtu tagħha, kitbu u ħarġu għadd sabiħ ta' kotba bl-alfabett u bl-ortografija tagħha, li mhux biss żiedu u kabbru l-letteratura maltija, iżda għenewha u sebbħuha bil-bosta. Min ma jafx bix-xogħol tal-Prof. P.P. Saydon, irridu ngħidu, il-Qlib tal-Kotba Mqaddsa mil-Lhudi fil-Malti? Minn ma jafx u ma qarax il-kotba bil-Malti tal-Prof. Temi Zammit u fosthom l-Istorja ta' Malta u l-Għżejjer tagħha, issa maħruġa għat-tieni darba? Minn ma jafx bil-kotba ta' l-istejjer ta' Ħaż Żabbar, taż-Żejtun, tal-Mosta, ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid, u ta' Birkirkara tas-surmast E. B. Vella? U dan biex ma nsemmux qatigħ kotba oħra żgħar ta' proża u ta' poeżija li hawnhekk ma għandniex wisa' nniżżlu (1).

U anqas hawnhekk ma tispiċċa l-opra tal-Għaqda. Bir-Rivista tagħha u bil-kitba ta' xi membri tagħha, il-kelma maltija nsemgħet f'artijiet barranin fil-qrib u fil-bogħod; u ngħoġbot in-nisġa tal-proża maltija xi drabi ħafifa u mexxejja u xi drabi meqjusa, maħsuba, mimlija: u ngħoġbot iżjed il-poeżija, ħelwa, bħal għasel tal-Mellieħa, iddoqq bħal-leħen ta' tfajla raħlija, u togħla bħall-bilbla li tbejjet fuq it-trab, qalb iż-żara, imma tittajjar ġos-sħab biex tilqa' lix-xemx tielgħa fil-għodwiet safjin ta' April u ta' Mejju.

U fuq il-proża u fuq il-poeżija maltija tkellmu ġurnali u Rivisti barranin, versi maltin inqalbu fil-franċiż, fl-ispanjol u

(1) Fil-għadd ta' Settembru nġibu l-lista sħiħa tal-kotba li s'issa ħarġu stampati bl-alfabett u bl-ortografija tal-Għaqda.

fl-ingliż, u saru studji fuq il-lsien, inkitbu grammatki, u nġabru antoloġiji maħdumin bil-għaqal u bid-dehen ta' min fl-ilsna ta' l-Ewropa u fl-ilsna semin hu mħarreġ biżżejjed.

U anqas dan ma hu kollox. Min mindu l-lsien malti tqiegħed fis-sillabi tat-tagħlim fl-iskejjel elementari tal-Gvern u l-alfabett tal-"Għaqda" ingħażel għall-kitba tal-Malti, ħtieġ lill-Gvern iħejji kotba mtarrġin, biex jistgħu jwieġbu għall-moħħ u għall-qalb tat-tfal, fit-taraġ tas-snin tat-tfulija. Bil-ħeġġa tad-Direttur ta' l-Istruzzjoni, bil-ħidma qalbenija tas-surmast Vella u bil-għajnuna għalenija ta' l-aħjar membri tal-Għaqda, il-kotba qegħdin isiru. Ħarġu xi wħud minnhom li kienu milqugħa tajjeb u mfaħħra minn kulħadd; oħrajn lesti u jidhru ma jdumux. Barra minn dan qegħdin jinġabru u jinħadmu minn ħaddieħor kotba u antoloġiji oħra fejn ikun hemm l-isbaħ ward tal-letteratura maltija.

Biex ingħalqu: il-Għaqda ma kellhiex tagħmel iżjed u ma setgħetx tagħmel iżjed minn hekk. U l-Għaqda issa ma tmutx. Imutu l-membri tagħha preżenti, iżda l-ħafna wlied li ġew minnha, u li hi rabbiet bil-għaqal u bl-imħabba, jibqgħu; u jġed'du minn jum għal jum u minn sena għal sena l-ħajja tagħha, billi jissoktaw l-opra li hi bdiet u mexxiet; u għandna tama illi maż-żmien din it-tajfa toktor fil-għadd, tikber fit-tagħlim, titkisser fix-xogħol, u tagħni b'kitba fejjieda u sabiħa l-letteratura maltija.

# IN-NAĦAL

Kemm tagħtik x'taħseb ġarra naħal!

Ġarra b'għonqha dejjaq bħal ta' flixkun, jew kaxxa b'xaqq moħxon sebgħi ż-żgħir, bil-Malti, id-dar fejn igħammar in-naħal tissejaħ *ġabsála*, mitluqa x'aktar f'rokna ta' dura jew wara l-ħajt ta' grejbeċ, bħal ħaġa minsija, biex ma tagħtix fil-għajn, taraha miżgħuda bi qtajja' kbar ta' naħal dieħel u ħiereġ bla heda, matulek ja jum, għax ma'nżul ix-xemx in-naħal jinġabar u jistrieħ. Ftit huma dawk li jieqfu jħarsu lejn miġbħa u lejn it-titjir tan-naħal, kif jidħol, kif joħroġ, il-fejn jiġbed, kemm jitbiegħed, fuqhiex jieqaf, għaliex, xi jġib miegħu u għalfejn.

Bosta għorrief daħlu bir-ruħ u l-ġisem biex jitgħallmu sewwa l-ħajja u d-drawwiet ta' dan id-dud imbierek li, bla ma ħadd għallmu, igħaddi ħajja laktar sabiħa u ta' fejda kbira għalih u għal min jieħu ħsiebu. Dak li jafu l-lum fuq in-naħal insibuh miktub f'kotba ħoxnin bl-ilsna kollha mill-aħjar kittieba; u fihom x'taqra tassew dawn il-kotba u fihom x'titgħallem u x'tifhem fuq id-dehen ta' dudu daqs nitfa li l-Mulej għoġbu jagħni biex juri l-kobor ta' ħiltu u biex jaqd l-bniedem li jrid jidħol għat-torbija ta' dan id-dud.

Billi m'ilux qrajt xi ħaġa fuq il-ħajja tan-naħal ridti niġbor dak li deherli li bih nista' nħajjar lil xi ħadd jaqra x'jingħad fuq dan id-dud.

Barra milli jagħmel il-għasel u x-xama', in-naħal jagħmel ħaġa wisq aktar meħtieġa, iżewweġ il-fjuri.

Għax mhux kull warda ta' xitla jew ta' siġra trabbi weħidha ż-żerriegħa, hemm ward magħmul minn xniexel imgħobbija bi trab isfar (pollen) li jgħaqqad iż-żerriegħa tal-fjur mara, u oħrajn li ma għandhomx minn dat-trab.

In-naħal biex isoff iz-zokkor mill-qiegħ tal-warda jiġbor max-xagħar ta' ġismu minn dak it-trab isfar u meta jmur fuq warda li hi nieqsa minn dan it-trab dakkari, jitgħabbar b'dak li jinħtieġ u hekk iż-żerriegħa titrabba u tagħqad. Hawn ħafna siġar li jgħinu l-biedja u jiswew mhux ftit għall-bniedem bħalma huma l-lanġas, it-toffieħ, iċ-ċirasa, li mhux kollha għandhom fjuri rġiel bit-trab isfar. Li ma kienx in-naħal għal dawn is-siġar kieku frott tagħhom ma niklux, jew nieklu ftit wisq. Ara kemm tiswa ż-żjara tan-naħal lil dawn il-fjuri li ma jistgħux jiddakkru ħlief min-naħal jew minn dud żgħir ieħor, żunżan, dubbien, nemus u x'naf jien!

In-naħal li naraw ħiereġ mill-ġarra donnu kollu xorta waħda, iżda m'hux hekk.

In-naħal li jmur fuq il-ward jiġbor iz-zokkor huma kollha nisa. Ir-raġel ma jaħdimx u tista' tgħid jiekol batal.

Ix-xogħol fil-*ġabsála* jsir min-nisa biss, huma jidħlu mgħobbija biz-zokkor u bit-trab isfar li jintrafa' fi rkejjen għalih għax jingħaġen u jittiekel maz-zokkor. Biz-zokkor jinżaqqu d-dudiet malli joħorġu mill-fosdqa, għal tnax-il-jum, sa ma jrabbu l-ġwienaħ. Meta n-naħla titrabba u ttir għall-ġbir taz-zokkor u tat-trab isfar ħadd aktar ma jaħseb fiha, hi taħdem, tinkedd, u tixjeħ ma ddumx, u mas-sitt ġimgħat m'hix tajba aktar għax-xogħol.

Ferħ naħal, li donnu xorta waħda, hu magħmul minn eluf ta' ħaddiema nisa, u minn qabda rġiel li qegħdin biex iżommu n-nisel. Naħla ftit akbar mill-oħrajn, għal biċċa kbira ta' għomorha ma toħroġ qatt mill-ġabsála. Din nafuha bħala *doqqajsa*, jew sultana tal-ferħ. Din ma tindaħal xejn max-xogħol li jsir fil-ġarra u dmirha biss li tbid u tkabbar il-ġens tan-naħal. Qabel ma tiżżewweġ tbid, iżda minn dan il-bajd tax-xebba jfaqqsu biss naħal irġiel (dakar) Is-sultana tiż-żewweġ meta titlaq biex trawwem ferħ naħal ġdid. Tagħżel għal jum it-tieġ għodwa xemxija tar-rebbiegħa u tittajjar kollha ferħana qalb ix-xitel u l-ward. Għal warajha jitilqu n-naħal irġiel li tkun, biex ingħid hekk, waslet segħethom. Meta d-doqqajsa taħtar id-dakar li jgħodd għaliha, dan jersaq ħafif għal magħha u t-tieġ isir fl-ajru, bla telf ta' żmien. Il-hena tal-għarus qasira kemm tista' tkun, għax malli ż-żwieġ isir l-imsejken jintelaq u jmut.

Id-doqqajsa ma titlef xejn meta tormol għax fiż-żmien qasir taż-żwieġ tkun ġabret ġewwa fiha dak li jinħtiġilha u meta tasal fejn għandha trawwem il-ferħ il-ġdid tkun tista' taqbad tbid u mill-bajd, minn dak il ħin il quddiem ifaqqsu nisa ħaddiema għal tlieta jew erba' snin bla ma tarġa' tiltaqa' qatt ma' raġel ieħor.

Għal l-ewwel ma tbidx wisq id-doqqajsa imma ma ddumx ma taqbad tbid ma' l-1,500 bajda kull jum.

Dan il-bajd mitluq fiċ-ċelel tax-xama' jieħdu ħsiebu ħafna mill-ħaddiema.

Meta l-bajd ifaqqas, in-naħal li għandu ħsieb it-torbija tal-frieħ jibqa' jżoqqhom għal tnax-il-jum sa ma jibda jrabbi sewwa l-ġwienaħ, għax wara dan iż-żmien id-dud jaħ-sbu għal rashom.

Meta n-naħal isib li jrid irabbi doqqajsa ġdida, jagħżel bajda li jidhirlu hu u malli din tfaqqas idur bil-ferħ wisq aktar milli jdur bl-oħrajn. L-ikel ikun aħjar minn talbqija għax waqt li naħla mara trid tinżaqq għal wieħed u għoxrin jum, id-doqqajsa tissaħħaħ fi ħmistax-il-jum. Aktar minn doqqajsa waħda ma jistax ikun hemm fil-ġarra għax innaħal jisfratta jekk tidher oħra.

Is-sultana tibqa' tajba għal aktar minn tliet snin imma malli tixjeħ sewwa jkollha titbiddel.

Jekk sultana oħra tidħol f'ġarra mrawma, iż-żewġ nisa jaħbtu għal xulxin u l-ġlieda tispiċċa bil-mewt ta' waħda minnhom. Għad li mad-daqqa ta' għajn in-naħal kollu jixxiebah, min jafhom sewwa jagħraf malajr li kulħadd imsawwar għalih.

*Id-doqqajsa*, nitfa akbar minn-naħla oħra, għandha xedaq bis-snien u l-oħrajn ma għandhomx, ma għandhiex f'saqajha keffa fejn tarfa' t-trab bħall-ħaddiema, in-niggieża tagħha milwija u mielsa u għalhekk ma hix tajba għall-ġlied. Fil-ġarra is-sultana ma tafx tagħmel xejn ħlief tbid.

*In-naħla ħaddiema* għandha fiex iġġorr it-trab, għandha niggieża bil-garġi u għalhekk meta tniggeż il-laħam ma tistax taqlagħha aktar għax jekk taħbat toħroġha tqatta' msarinha u tmut. Fix-xeħda, in-nisa sejrin dejjem, meta ma jkunux iġorru jaħsbu biex inaddfu x-xeħda, għax l-indafa jħobbuha wisq; ifarfru, jikinsu, irewħu bi ġwinħajhom, sew biex jagħtu n-nifs lill-frieħ meta joħorġu mill-fosdqa, sew fis-sħana meta ċ-ċelel iridu l-ħawa, sew meta z-zokkor li jġibu ikun niedi wisq, biex jixxuttawh, u meta tiffaċċa tixqiqa fix-xama' malajr iqalftuha biż-żaftur li jagħmlu huma. Oħrajn ikarkru 'l barra weraq li jdaħħal ir-riħ, dud barrani, naħal li jmut fix-xeħda u dak kollu li ma għandux għax joqgħod fin-nofs. Minn dak li jieklu jsajru x-xama' u l-għasel u jkattru ċ-ċelel u jimlewhom bil-għasel, kollox huma.

In-naħla raġel, jew *id-dakar* qiegħed biss biex, meta hemm il-ħtieġa, idakkar lil xi ħaddiema iżda mhux tajjeb għal ebda xogħol ieħor u għad li jgħix ma' l-oħrajn, tista' tgħid jiekol batal. Hu u la għandu xewka biex jilqa' l-għadu u lanqas qfief f'saqajh biex iġorr fihom u fil-ġabsála ma jiswa għal xejn. Ma nafx kif id-dakar iħalluh jidħol fil-ġarar jew fil-kaxex tal-ġirien, dak li n-nisa ma jistgħux jagħmlu. Meta l-ikel ikun bil-bosta, id dakar igħaddiha tajjeb għax x'jiekol dejjem ilaqqat, iżda meta tidħol ix-xitwa, jew l-art tinxef u l-ġwies jonqos, min jaħdem biss isib x'jiekol u għalhekk id-dakar kulħadd iżommu barra u x'aktar imut bil-ġuħ.

Għax in-naħal ma jiġborx il-għasel għal wiċċna, imma biex il-ferħ jiekol u jiflaħ jaħdem; ġarra naħal trid madwar wiżna għasel biex tgħaddi x-xitwa u r-rebbiegħa u f'sena ħażina trid aktar ukoll.

Għalhekk fejn jinżamm in-naħal l-imġiebaħ jitrawmu iħarsu lejn art tajba u lejn xi masġar li jwarrad sewwa, għax l-għasel mhux ta' kullimkien togħma, lewn u riħa waħda, silla, sagħtar, plejju, toffieħ, ċirasa, lanġas trid in-naħal u dak li jrid sid ix-xeħda wkoll. Biex it-torbija tan-naħal tfejjed trid ħsieb u xogħol mhux ftit u qabel tiġbor u s-saffi l-għasel qatt ma taf jekk titħallasx ta' xogħlok. U x'ma jridx ħsieb u xogħol biex taqla' sold fid-dinja?

T. Z.

19/4/35.

# BALLATA

Waslitilna ittra flimkien mal-versi li ġejjin hawn taħt. Flejna l-ittra u aktar il-versi, u sibna illi min kien kiteb għandu xeħta tajba għall-versi; u billi aħna nixtiequ nagħmlu l-qalb lil kull min iħobb il-lsien Malti u jitħajjar jikteb bih, qtajna li għandna nilqgħu din il-Ballata.

Aħna nħossu li l-ħsieb hu ħarira aħrax, u dan għid-nieh bil-kelma t-tajba, lill-kittieb; iżda aħna nafu wkoll illi ħadd ma jkun imgħallem mill-ewwel.

N. t. E.

Kewkba tal-ħniena, tħallinix darb'oħra
Ma' ħarstek ħarsti wara l-mitħna nżomm
Fuq dik id-dwejra, fejn żagħżugħa smajra
Ftit kien fadlilha biex issirlek omm.

Il-lum, ja kewkba, dik id-dwejra tbiddlet:
Ma tidħakx iżjed kollha ferħ u sliem:
Fiha l-imħabba ma' kull tama nqerdet:
U sfat weħidha mingħajr smigħ u kliem.

Xejn ma fadlilha ħlief għanqbut u għabra
U għajb imxewlaħ qalb id-dlam u s-skiet...
'Ma kull fl-għaxija, kull min jersaq lejha
Jisma' tnehid u krib donnu ta' mwiet...

* * *

Ġolina, Ġolina, kemm drabi
Ilmaħtek jew tinseġ jew tħit,
Jew taħsel, jew tonxor il-ħwejjeġ,
U taqdi 'l omm żewġek sikwit!

Il-għanja ta' mħabbtek kemm drabi
Smajt tidwi mar-riħ u tirtogħ'd
Imsaħħra b'dak l-isem ta' żewġek
Li kien ikun jaħdem fil-bogħ'd!

Ġolina, Ġolina, 'ma darba
Kik sibtek imgħar'ra fid-demm...
Bil-kesħa tal-mewt ġewwa sidrek
Maqtula fin-niket u l-hemm!

* * *

Għajjien imma ferħan, ma' nżul ix-xmejxa,
Jitlaq mix-xogħ'l biex jerġa' lejn id-dar
Qalbu mimlija bl-ewwel tama t'iben
Tizju ż-żagħżugħ, żagħżugħ jgħawweġ l-azzar.

Jasal fl-aħħar id-dar: jidħol u jsejjaħ
'L ommu u lil Anġolin: ma jwieġbu ħadd;
Jistenna sa ma d-dlam iroxx għal kollox:
Imma ruħ waħda m'hemm li tidher qatt.

Jibda jfittex minn hawn, minn hinn... u fl-aħħar,
Hu u q'ed fil-kantina bil-musbieħ,
Isib ruħu fid-demm kiesaħ ta' martu
U fl-art jistabat mitluf minn sessieh...

* * *

L-għada minn qiegħ ta' bir waħxi
Omm Tizju merfugħa fis ġiet:
Hi kienet il-ħatja weħidha
Li qatlet u nqatlet fis-skiet!

J. C.

11/IV/35.

# TAGĦRIF TAL-GRAMMATKA

## IL-KELMIET *SA*, *ĦA*, *QED*.

Tliet klejmiet mill-aktar mexxejja u mill-aktar li ma jaqblux fi ktibhom. Għalhekk jidhirli li tagħrifa żgħira fuq tifsirhom u ktibhom m'hix barra minn waqtha.

Il-klejma *sa* tintrabat mal-verb biex tfisser għamil li għandu jsir dalwaqt; hekk: *sa niekol* tfisser *dalwaqt niekol.* Taqbel fit-tifsir u fil-ktib mal-klejma Għarbija *sa*, mqassra minn *sawf* (1). Iżda l-kittieba, aktarx kollha, jaħsbu li hi mqassra minn *sejjer*, u għalhekk jiktbu *ser*, *se'r*, *se'* (2). Ħażin. *Sejjer* tfisser *mixi*, u għalhekk, sħiħa jew imqassra f'*ser*, għandha tintrabat ma' verb ieħor biss meta rridu nfissru għamil li biex isir jaħtieġ il-mixi. Jekk ħaddiem jerfa' mix-xogħol u jrid imur id-dar jiekol, igħid lil sidu: *Sejjer niekol*, jiġifieri, *sejjer id-dar biex niekol;* iżda jekk wieħed ikun fuq il-mejda u jsejjaħ lil ħabibu biex jiġi jiekol, igħidlu: *Ejja għax sa niekol.* Żewġ kelmiet mifrudin għal kollox fit-tifsir tagħhom. Imma bil-ħeffa ta' tilsin il-kelma *sejjer* tinħataf u titqassar u ssir *ser*, u din imbagħad titħawwad ma' *sa* u tfixkel il-kittieba li ma jibqgħux jagħarfu u jagħżlu waħda mill-oħra. Mela naqtgħu barra għal kollox il-ktib ta' *se'r* u *se'*, u niktbu *sejjer* jew *ser* meta rridu nfissru *mixi*, u niktbu *sa* meta rridu nfissru *qorob* ta' żmien.

*Ħa* tintrabat ukoll mal-verbi u għandha aktar minn tifsir wieħed. *Ħa mmur* tista' tfisser *irrid immur* (*let me go*) u *sa mmur*. Jekk *ħa* tkun marbuta ma' verb ieħor qabilha, tfisser il-*għân* tal-għamil, hekk: *agħtihuli ħa mmur*, jiġifieri *biex immur*. Jifhem kulħadd li *ħa* hi mqassra minn *ħalli*, li hu imperativ tal-verb *ħalla*, u taqbel mal-verb *let* ta' l-Ingliżi. Tajjeb; imma mhux dejjem titqiegħed tajjeb. L-ewwel u l-aħjar tifsir tagħha hu l-imperativ, hekk: *ħa mmur*, *ħa mmorru.* Tajjeb ukoll toqgħod meta biha rridu nfissru l-*għân* tal-għamil, hekk: *agħtihuli ħa mmur.* Iżda xi wħud iħawdu *ħa* ma' *sa* u jgħidu: *ħa mmur* meta jridu jfissru *sa mmur.* U dan ħażin, u għalhekk il-kittieb għandu jqis xi jrid ifisser, biex ifissru tajjeb.

---

(1) Ara W. Wright *A Grammar of the Arabic Language*, Cambridge, 1933, Vol. I faċċ. 282.

(2) Vassalli, Falzon, Caruana fid-Dizzjunarji tagħhom ma jsemmuhiex il-kelma *sa* b'dan it-tifsir, iżda t-tifsir tagħha jagħtuh lil *sejjer*.

*Qed*, tintrabat mal-verbi biex infissru għamil li jsir *issa*, fil-waqt li nitkellmu. Hi mqassra mill-kelma *qiegħed*, li hi partiċipju tal-verb *qagħad*. U aktarx li tinkiteb sħiħa, jew inkella titqassar u tinkiteb, fil-poeżija, *q'għed*. Mhux aħjar titqassar f'*qed*, u niktbu dejjem *qed*? Hekk: *jien qed nitkellem, hi qed titkellem, aħna qed nitkellmu*. Ma nkunux niktbu ħażin, jekk niktbu *qiegħed*, iżda jekk irridu nqassruha, jidhirli li nistgħu nqassruha f'*qed*. Inżidu ngħidu li ħafna kittieba jħobbuha ftit iżżejjed din il-kelma u jdaħħluha mqar meta mhix meħtieġa; hekk flok: *xħin kont nikteb*, igħidu: *xħin kont qiegħed nikteb*. Dan taħsir ta' kitba li jaħtieġ wieħed jaħarbu jekk irid jikteb bir-reqqa.

**P. P. Saydon.**

## BIEX TINGĦOĠOB

### *Tagħlima żgħira għall-kittieba tal-Malti.*

Il-kittieb C. M. Marchand, fil-ktieb tiegħu li jismu "Ħamest elef idjòm Franċiż", qal:

1. Il-grammatka tgħallem biss il-bini tal-kliem: l-idjomi jixħtu fih ir-ruħ, il-ħeġġa u l-ħeffa.
2. Il-grammatka tibni d-dar: l-idjomi jżejnuha, isebbħuha, igħammruha.
3. Id-dar mingħajr l-għamara ma tistax tilqa' nies fiha; u l-għamara mingħajr id-dar ma tistax taqdik.

.Mela, ja kittieb malti, itgħallem l-ewwel il-grammatka maltija biex tibni tajjeb id-dar tal-lsien malti; u mbagħad iġbor mill-fomm tal-Maltin il-għajdut ħaj, qawwi, ħieles, ħafif u mirqum li huma jgħidu bla ma jaħsbu fih, u li joħroġ mill-ħażna tal-kliem li jkunu ġabru ma' tul ħajjithom, biex tkun tista' żżejjinha, torqomha u tgħammarha sabiħ.

**Dun Karm**

# L-ILMA TAL-FARAĠ

## ( TIFKIRA TA' L-IMGHODDI )

Kienet ħaqritni dak-in-nhar id-dinja
u jiena bkejt.
Il-qawwa tar-rġulija
li bosta drabi tagħraf
tliġġem lill-qalb u d-dmugħ li jbaqbaq ġewwa,
ma swietli xejn :
stħajjiltni tifel ċkejken
fl-idejn ta' ġorf li għandu qalb taż-żonqor.
Jiena ma ridtx mogħdrija,
ridt ħaqq u sewwa : iżda minn fejn ?... Id-dinja
kienet qalila dak-in-nhar, u l-Għira
ma' oħtha, l-Ħiena,
kienet tgħasses maġenbi
li stajt xi drabi nħoss fuq wiċċi jaħraq
in-nar ta' nfiesha...
u jiena bkejt.

*

Kont waħdi ġe' kamarti. B'rasu mkeb'ba
taħt il-ġewnaħ xellugi
kien rieqed mingħajr ħtija u mingħajr dnewwa
il-kanarin li kont rabbejt b'imħabba,
biex hu tan-niket tiegħi
ikun ix-xhud waħdieni.
Fil-beraħ kollox kien sikta madwari :
minn sema safi
il-qamar mimli kien isawwab xmajjar
ta' bjuda fuq ir-raba'
u fuq id-djar kennija;
lil hinn mill-qamar,
għalkemm xi ftit mirbuħa minnu, kienet
tħabbat il-qalb tal-kwiekeb...
Xi skiet ! u xi sliema !
Kemm hi sabiħa d-dinja,
meta torqod il-Għira u tmut il-Ħiena !

*

Ħsiebi ttajjar:
quddiem l-għajnejn ta' ruħi
dehret xbieha ta' mara—oh kif serqitni!—
fil-kotra tal-ġmiel tagħha.
Kellha fuq wiċċha l-ħlewwa tax-xbubija
safja, rżina, mostura;
iżda f'għajnejha
li kienu ġarrbu n-nar ta' dmugħ bla biki,
(kien jidher ċar)
kien hemm id-dawl tat-tjieba,
u l-imħabba ta' l-omm....
"Mamma tiegħi! Marija!."
għajjatt—u demgħa ħelwa
niżlet titgerbeb ma' ħaddejja—"agħtini
qawwa li naħfer,
sabar taħt salibi!"

*

Tħarrket fewġa, u fil-ġnien li jħaddar taħti
beda tħaxwix ta' weraq
donnu tferfir ta' ġwienaħ.
Minn ġo t-tieqa miftuħa
daħlet iż-żiffa u jien ħassejtha friska
tilgħab fuq wiċċi
u rqiqa rqiqa
tidħol ġe' xagħri.
Kienu ġwienaħ tassew? Mill-knisja ċkejkna
wasal imewweġ leħen ta' qanpiena
ħelu bħal kelma
ta' min ħabbejna minn twelidna, u jiena
ħassejt għaddejja fuqi
bħal id ratba ta' omm,
bħala żgħila ta' wegħda,
u f'qalbi niżel
bħallikieku minn għajn li qatt ma ddardret
l-ilma tal-faraġ.

**Dun Karm.**

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*(Jorbot mal-Għadd ta' Marzu paġ. 16)*

Fost dawk in-nies li kellhom qima lejn il-mejjet Vassalli, u magħhom Schlienz u Hookham Frere, li ħareġ 20 skud, inġabret somma ta' flus biex jitħallsu l-ispejjeż tad-difna; il-bqija tas-somma, 34 skud u 3 rbajja', marret f'idejn l-imsejkna familja tal-mejjet għal xi bżonnijiet li fihom kienet tinsab. Wara l-mewt ta' Vassalli, Schlienz ħass id-dmir li, kemm jista,' jieqaf ma' wlied il-mejjet u, għalhekk, tħaddet kemm-il-darba fuq hekk ma Hookhom Frere, li għal għożża li dana kellu lejn Vassalli għal għerfu, ma sata' jinsieh qatt u lanqas ma sata' jibqa' lura bla ma jħoss id-dmir huwa wkoll li jħenn għal dawk l-imsejknin ta' ltiema. Għalhekk, l-ewwel ħsieb li ttieħed minn H. Frere kien li jiġbor it-tifel il-kbir, Grabiel u jgħallmu. Billi dan it-tifel weraxeħta għad-disinn, Frere tah f'idejn l-iskultur Dimech. Iż-żewġt itfal l-oħra, Mikiel u Saver, ħa ħsiebhom Schlienz, u bil-kunsens ta' ommhom, ħadhom f'idejh biex irabbihom u jgħallimhom. Minn dak li jgħarrafna Schlienz fuq dak li qaltlu ommhom, il-fustani, kien twieled Franza, naħsbu iktarx Marsilja fejn kien twieled il-kbir, u dik il-ħabta kellu 14-il-sena, u l-iżgħar twieled Spanja, fliema belt ma nafux, u kellu 12-il-sena. Kif urejna qabel, Grabiel il-kbir nett, kien twieled f'Marsilja fl-1814 u kien sena akbar mill-fustani; mela għandna naħsbu li sas-sena 1815, Vassalli bil-familja kien qiegħed fl-art ta' Franza, u li sentejn wara, jiġifieri fl-1817, kien qiegħed Spanja.

Frere kien talab lil Schlienz biex jaħseb għal daqsxejn ta' monument li kellu jitwaqqaf fuq il-qabar ta' Vassalli b'iskrizzjoni fuqu. Dan il-monument kellu wkoll jaħdmu l-iskultur Dimech, u Schlienz kien ħażżeż dawn l-erba' kelmiet li kellhom jitnaqqxu fih:—

***Michel Antonio Vassalli. Born in this Island (month) (year) died 12th. January, 1829, meritoriously distinguished for cultivating the Maltese Language and reducing it to grammatical system.*** (1)

B'dawn l-erba' kelmiet Schlienz fettex li jagħti fil-qosor bla ebda tiżjin hjiel xieraq u minnu tal-ħidma ta' Vassalli

---

1 Kelma b'kelma minn ittra ta' Schlienz lic-"*Church Missionary Society*" bid-data tas-26 ta' Jannar, 1829.

li għaliha kien imsemmi. Huwa bagħat kopja ta' din l-iskrizzjoni lil Frere u dan għarrfu u talbu li *ma għandux jibgħat din l-iskrizzjoni lill-iskultur qabel ma jkellmu fuqha.* Milli jidher, il-ħsieb li jitwaqqaf dan il-monument ma seħħ b'xejn, għaliex ebda tifkira oħra bil-miktub ma sibt fuqu, u lanqas, sa fejn jien, ma tinsab ebda ġebla jew lapida li tfakkar fid-difna ta' Vassalli, f'wieħed jew ieħor miċċimiterijiet li semmejna.

Ftit wara l-mewt ta' Vassalli, iċ-"Church Missionary Society" ħarġet stampati fi ktieb l-Erba' Vanġelji bl-Ittri ta' l-Appostli taħt l-isem ta' :- *Quatuor Evangelia et Actus Apostolorum juxta vulgatum. Romae. A.D. M.DXCIII Editam Necnon eorundem, Versio Melitensis. M.DCCC.XXIX*, Londini Typis Excudebat. R. Watts.

X'inhuma x-xogħlijiet li ħalla warajh Vassalli wara mewtu barra minn dawk li ħarġu stampati f'kotba ?—Ix-xogħlijiet miktubin li ħalla warajh Vassalli ma kinux wisq; fosthom l-iktar ta' min isemmi dawn: dizzjunarju manuskritt mit-Taljan għall-Malti, li kien għadu mhux lest minn kollox, nieqes mill-A sa l-Al; dizzjunarju etimoloġiku tal-lsien Malti, ukoll nieqes 'l hawn u 'l hinn minn xi ħwejjeġ żgħar; lista ta' kliem ma' oħra li tfisser il-maqlub, bħalma ngħidu aħna: *ruħ—ġisem* u xi djalogi bil-Malti. Minnufih wara l-mewt tiegħu, Schlienz ġabar dawn il-manuskritti u ħadhom id-dar tax-Xirka tagħhom, fil-waqt li l-mara ta' Vassalli kienet ħasbet biex tagħtihom f'idejn sid id-dar bi tpattija ta' ħlas għal kera li dan kellu jieħu minn għandha. Schlienz ma taha xejn tagħhom u qagħad jistenna lil Jowett jarġa' lejn Malta minn l-Ingilterra biex jaraw sewwa kemm għandhom iħallsu tagħhom.

Wara xi sitt xhur mill-mewt ta' missierhom, it-tfal ta' Vassalli nsibuhom miġburin flimkien f'dar u skola li minnhom kien jagħmel Schlienz u sħabu. Moħħhom kien tajjeb ħafna u l-iktar tal-kbir, Grabiel, li milli jidher ma baqax jitgħallem ta' skultur taħt il-kura ta' Frere, iżda tgħallem ħwejjeġ oħra, fosthom il-Għarbi u l-Lhudi. Għall-ħabta ta' Settembru tal-1929, meta t-tifel kien għad kellu 15-il-sena jew ftit fuqhom, Schlienz, bil-għajnuna tax-xwejjaħ Canolo u ta' dan it-tifel, beda jaqleb bil-Malti l-katekiżmu tal-Ġjografija ta' Pennoch. Tliet snin wara (1832) nibtet il-ħajra fost ix-Xirka tal-Knisja Missjunarja Ingliża li l-Malti tal-kotba tagħhom jiktbuh b'ittri għarbin, iżda Schlienz kiteb lil sħabu ta' Londra fejn fehemhom b'leħħa kbira illi l-kotba bil-Malti jissoktaw jistampawhom b'ittri Romani

bħas-soltu, biss fihom iżidu dawk ta' Vassalli, għalkemm Bellanti, il-Bibljotikarju, kien favur tal-kitba maltija bil-karattri għarbin u kien għalhekk kiteb Grammatka Maltija b'tipi Neski għarbin.

Fis-sajf ta' dik is-sena Grabiel kien qiegħed jagħmilha ta' traduttur ta' xi kotba tax-Xirka fil-waqt li Mikiel u Savier kienu mdeffsin fix-xogħol ta' l-Istamperija. Kien hemm il-ħsieb li ssir traduzzjoni tal-Għaqda l-Qadima u għalhekk Schlienz tafa' għajnejh fuq iż-żagħżugħ Grabiel li kif deherlu kien l-aħjar wieħed għal din il-biċċa xogħol; il-għaliex għalkemm it-traduzzjoni ta' Cannolo kienet ta' fejda, dan it-traduttur taħt it-tagħbija taż-żmien li kellu, ma kienx jiswa iżjed għal dan ix-xogħol.

L-istamperija li fiha kienu jaħdmu l-aħwa Vassalli kienet dik taċ-"Church Missionary Society". Minn din l-istamperija iktarx li kienu ħarġu dawn il-kotba bil-Malti: "*Ktyb yl-Qari aat-tfal* (1831); *Storja tas-Sultan Ciru* (1831); *Ktyb-il-Qari fuq bosta Ħwejjeġ* (1832). Dawn kienu miktubin u stampati skond l-ortografija tal-grammatka ta' Vassalli (1827. Wara ftit snin, jidher, illi x-xogħol ta' l-istamperija waqa' kollu f'idejn M. Weiss. Fis-sena 1839 M. Weiss, stampatur taċ-"Church Missionary Society" fetaħ Depôt ta' xogħlijiet ta' l-istampa Strada Forni Nru. 98, il-Belt (1). Din l-istamperija jidher li baqgħet taħdem taħt it-tmexxija ta' Weiss sa mill-inqas is-sena 1845.

Għandna naħsbu illi l-aħwa Vassalli, Grabiel u Savier ma' tul dan iż-żmien beqgħu jaħdmu f'din l-istamperija.

Għall-ħabta ta' dan iż-żmien insibu illi dan ix-xogħol ta' l-istampa waqa' f'idejn ix-Xirka reliġjuża hekk imsemmija "Society for Promoting Christian Knowledge" (Xirka għall-progress tat-Tagħlim Nisrani) li, kif jidher, daħlet hawn Malta flok ix-Xirka l-oħra taċ-"Church Missionary Society". Fost il-kotba li ħarġet din ix-Xirka ta' min isemmi dawn :—

*A short Grammar of Maltese Language, Malta 1845. Printed by Mr. Weiss*; *Ktieb it-Talb ta' Aalenia u tal-Aoti tas-Sagramenti etc. flimkien mas-Salteryu eu is-Salmi ta' David. Stamperia. M. Weiss. 1845. Il-Ħaya u il-Vinturi ta' Robinson Krusoe ta' York. Malta. 1846. Il-Bidu tal-Grammatika Ingliża. Malta. 1846.*—(*Valletta : Brothers Vassalli. Printers No. 97 Strada Forni*); *Il Aaqda il Jdida ta' Sidna Jesu Kristu mijyuba mil Inglis. Malta. Gabriel Vassalli, Stampatur 1847 :*

(1) Ara "Harlequin" Nru. 85 tal-24 ta' Awissu, 1839. paġ. 11.

Dawn il-kotba kollha, kif dlonk jidher mill-isem ta' kull ktieb, kienu miktubin u stampati b'ortografija xort'oħra mill-kotba ta' qabel, jiġifieri b'alfabet li, kemm sata' jkun, jaqbel ma' dak ta' l-Ingliż, u xort'oħra minn dawk tal-grammatka ta' Vassalli (1827).

Barra minn dawn il-kotba tax-Xirka reliġjuża, inħadmu xogħlijiet bil-Malti jew fuq il-Malti miktubin minn nies li ma kellhomx x'jaqsmu max-Xirka, fosthom ta' min isemmi l-*Grammatica della Lingua Maltese. Can. Fortunato Panzavecchia, Malta Tipografia di M. Weiss. 1845; il-Ħajja ta' Sidna Gesù Kristu. Canonicu Fortunatu Panzavecchia. Malta. 1847. Stampat minn Grabiel Vassalli, Nru. 97 Strada Forni.*

Kif se nfissru iżjed il quddiem, din it-tibdila ta' ortografija dehret meħtieġa mit-tagħlim tal-Malti li kien bi ħsiebu jingħata fi skejjel Ingliżi u bħala mezz ta' tagħlim ta' l-Ingliż għat-tfal maltin. Fl-1846 l-istamperija jidher li twelliet jew ingħatat f'idejn l-aħwa Vassalli (Grabiel u Savier) li beqgħu jżommu l-istamperija fi Strada Forni Nru. 97. Sena wara (1847) Savier infired minn ħuh, Grabiel, u skond ma jidher, fuq dak li kienet tarrfitli bint Grabiel, dik ix-xiħa li semmejt fil-bidu ta' din il-bijografija, fetaħ stamperija għal rasu fi Strada Federico, il-Belt. F'rapport tas-"Society for Promoting Christian Knowledge" tal-1844 hemm imsemmi b'liema ħeġġa kbira l-Kumitat ta' dik ix-Xirka kien qiegħed ilesti t-trieq sabiex lill-Malti jagħtih libsa ġdida u, kif deherlu l-Isqof ta' Ġibiltà tal-Knisja Ingliża, li taqbel ma' l-ittri ta' l-Alfabet Ingliż, u b'hekk din il-kitba isservi bħala mezz għat-tfal Maltin biex jitgħallmu l-Ingliż iżjed b'ħeġġa. Jidher ukoll mill-istess rapport illi l-Isqof ta' Ġibiltà kien qabbad lil ċertu qassis Malti, Dun Mikel'Anġ Camilleri, mill-Birgu (1) biex jaqleb bil-Malti l-"*Common Prayer Book*" tal-Liturġija Ingliża u l-ktieb jiġi stampat Malta. Barra minn dan, kien talab ukoll lill-Kumitat sabiex issir edizzjoni ġdida tat-Testment il-Ġdid jew Għaqda l-Ġdida bil-Malti. Il-biċċa l-kbira ta' dan ix-xogħol kien diġà sar minn Vassalli, iżda bejn illi l-ewwel edizzjoni kienet nieqsa mill-Epistli u l-Apokalissi, u bejn li ħtieġ li tiġi miflija u stampata mill-ġdid skond l-ortografija l-ġdida, ix-Xirka qablilha li dan ix-xogħol tieħu ħsiebu u tagħmlu.

(1) Wara li qaleb u ngħaqad mal-Knisja Ingliża, kien telaq minn Malta u tħabbeb ma' l-Isqof ta' Gibiltà tal-knisja Anglikana. Dwar ċirkostanzi oħra ara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-17 ta' Ġunju 1844 fil-kawża *Fleri utrinque* u *Storia della Legislazione in Malta* paġ: 416 Nota (1). Paolo Debono. Malta 1897.

It-traduzzjoni tal-Liturġija tlestiet u ħarġet stampata fi ktieb is-sena ta' wara. Jidher illi Camilleri sab xi xkiel fix-xogħol ta' din it-traduzzjoni, għax kif hemm imfisser fir-rapport tax-Xirka, il-lsien Malti kien għadu mhux imħaddem u mħarreġ biżżejjed għal biċċa xogħol tar-reqqa bħal din. Iżda kull min qara jew jaqra din it-traduzzjoni għandu dlonk jara illi fiha Camilleri wera sengħa kbira fit-tifsil u nsiġ ta' kliem malti.

Kif wieħed għandu jifhem mir-rapport tax-Xirka, ix-xogħol tat-tieni edizzjoni tal-Għaqda l-Ġdida waqa' f'idejn Camilleri wkoll. Fis-sena 1845 il-Vanġelji u l-Atti ta' l-Appostli (li kienu nkitbu bil-Malti minn Vassalli u stampati fl-1829) kienet saret xi tiswija fihom u x-xogħol ta' l-istampa tagħhom, bl-ortografija l-ġdida, kien miexi sewwa. Skond ma jgħid Schlienz fil-ktieb tiegħu "*Views on the Improvement of the Maltese Language etc. 1838*" paġ: 40. Vassalli kien għamel traduzzjoni tal-bqija tal-Għaqda l-Ġdida, jiġifieri ta' l-Epistli u l-Apokalissi, iżda beqgħu manuskritt; għandna, għalhekk, nifhmu illi ta' dawn jew saret traduzzjoni ġdida jew fihom saret, minn Camilleri, dik l-istess tiswija ta' kitba li deherlu meħtieġa. It-tieni edizzjoni tal-Għaqda l-Ġdida (bil-Vanġelji, Atti, Epistli u Apokalissi flimkien) ħarġet stampata fi ktieb wieħed fl-1847 mill-istamperija ta' Strada Forni No. 97, il-Belt, li dik il-ħabta, kif semmejt, kienet f'idejn Grabiel, bin il-mejjet Vassalli.

X'għadda minn ulied il-mejjet Vassalli ma' tul il-bqija ta' ħajjithom ma stajtx insib sewwa. L-iktar li stajt u nista' ngħid fuq Grabiel. Kif semmietli bintu, qabel ma sar stampatur, Grabiel kien għadda xi żmien fi Tripli fejn, iżżewweġ lil Grazia Portelli. Miet il-Furjana, Sda. Magazzini Nru. 69, fit-30 ta' Lulju, 1863, mita kien għad kellu 49 sena. Meta miet ma kienx għadu jaħdem ta' stampatur, iżda ta' skrivan, skond ma tgħid bintu, fl-"Union Club". Ħalla wrajh żewġt ibniet, Marianna u Katerin. Il-mara tiegħu mietet għand bintha Marianna, il-Ħamrun. Savier u Mikiel Antonio ma jidhirx li beqgħu jgħixu f'Malta. Fuq Mikiel Antonio nista' ngħid biss illi fl-1867 kien ħareġ ktieb ċkejken taħt l-isem ta' "*Suggestions in accordance with Mr. Amabile Bonello's Project of Emigration in the Coasts of North Africa by Mr. Vassalli Formosa de Fremaux*" Malta 1867 (1) li kien deher ukoll f'għamla ta' ittra jew artikoli fil-"Malta Observer" mill-15 ta' Novembru, 1866, fejn wettaq il-fehmiet tiegħu dwar il-ħtieġa li kien hemm illi l-Maltin issiefer u tgħammar fl-artijiet ta'

(1) Ara Misc: 531. Ktejjeb Nru. 4. Bibljoteka tal-Gvern.

Barberija, u l-iktar fi Tripli, fuq dak li kien kiteb is-Sur Amabile Bonello u l-Markiż Testaferrata Viani, fl-istess ġurnal "Malta Observer" fis-sajf tal-1866. (1) Mill-kitba ta' dan il-ktejjeb jidher illi qabel l-1866 Mikiel A. Vassalli kien għadda disa' snin fl-artijiet u 'l ġewwa mill-kosta ta' Barberija u, bħala bniedem imrawwem fis-sengħa tar-raba' u li kien jaf bil-Malti, bil-Għarbi, bil-Franċiż, bit-Taljan u bl-Ingliż, huwa sata' jitħaddet u jindeħes ma' kull xorta ta' nies f'dawk l-artijiet, u jifhem u jfisser aħjar kemm setgħet tiswa u tkun ta' fejda għall-Maltin l-emigrazzjoni f'dawk l-artijiet. Nistħajjel li fuq hekk sew Bonello, kemm il-Markiż Testaferrata u Vassalli kellhom ir-raġun kollu li jħajru l-Gvern ta' dak iż-żmien biex igħin lill-Maltin tmur fil-Barberija u taħdem l-art li minnha setgħet maż-żmien twaqqaf is-suq ta' kummerċ kbir ta' prodotti max-xtajtiet l-oħra tal-Mediterran u b'hekk toħloq pajjiż ieħor għaliha minn fejn ulied Malta setgħu jgħixu tajjeb u jistagħnew bla ma qatt ikollhom il-bżonn li jinfirdu għal kollox minn art twelidhom u jmorru jgħixu f'art ta' dinja oħra fejn il-ġid hu qarrieqi għaliex imnissel minn xogħol taċ-ċirkustanzi u ta' ħabtiet, u mhux minn dak li trodd l-art lil sidha stess li jaħdimha.

*(Jissokta)* A. C.

(1) Ara wkoll: A. Bonello. *Progetto di una Colonia Maltese sulla Costa Settentrionale Africana.* 27 Lulju 1866.

# LIL SIDNA ĠESÙ KRISTU, FEDDEJ TAGĦNA FUQ L-ARTAL IMQADDES

*"In Cruce latebat sola Deitas,*
*at hic latet simul et humanitas"*
INNU TA' S TUMAS

*Sufficit sola fides!* Nemmen iva,
Nemmen mingħajr ma nifhem, ja Mulej,
Li taħt is-sura ta' da l-Ħobż Imqaddes
Jinsab l-Għażiż Feddej.

*O Salutaris Hostia!* Inżilt mis-sema
Biex tgħammar f'nofsna f'dan il-wied tad-dmugħ,
Int dak il-Ħobż li kull min jiekol minnu
La jmut, la jieħdu ġuħ.

*O Salutaris Hostia!* Fik jinsabu
Sustanza waħda taħt iż-żewġ għamliet;
Fik jinsab Alla, u fik jinsab il-Bniedem
Li, biex jifdina, miet.

*O Salutaris Hostia!* Malakija,
Megħjun minn Ruħ-il-Qodos, qal ma hemmx
Art fejn ma tingħatax, minn dħul il-għodwa
Sa meta tgħib ix-xemx.

*Ħaruf bla Tebgħa*, fuq il-għuda kiefra
Xi mħabba kbira lejn Adam urejt!
Għamiltna ħutek, b'demmek fdejt id-dinja,
Dnubietna ħfirt u nsejt!

Lilek in-nifsek tajt b'tifkira tiegħek,
Ħfirtilna, għallimtna naħfru, wrejtna t-trieq,
Li twassal fejn il-ferħ u l-hena jsaltnu,
Mhux dlam, u hemm, u lfiq.

Nisrani

# ID-DRAWWIET IL-ĦŻIENA

MINN ALF. NICHOLAS

I.

Il-lejl kien daħal ġmielu, iżda f'waħda mill-vilel tal-għonja li jkattru s-sbuħija ta' xtut ix-xmara Nil u li huma mxerrda ma' tul il-"Geżira", fil-Kajr, kien għadu jidher dawl qawwi f'kamra ta' fuq.

Dik il-kamra kienet l-istudju ta' Osman Baxa X....wieħed mill-akbar ħakkiema li qatt kellu l-Eġittu.

Mixħut fuq pultruna baxxa, b'ħarsa li minnha kien donnu ħiereġ in-nar, il-Baxa kien jidher li jinsab f'dagħdigħa kbira.

Wieqfa ftit il hinn minnu, b'ħarsitha miksura, kien hemm xbejba ta' xi għoxrin sena.

—"Aħfirlu, papà, għal din id-darba wkoll"—qalet b'leħen ta' talba.

—"Le! u n-Nabi; il-lum sa tkun l-aħħar darba li ħuk imidd riġlu f'dari."

—"Ħalim għadu żagħżugħ ħafna; dak li ħassru kienet il-ġemgħa ħbieb li qabad jagħmilha magħhom da l-aħħar. Nagħtik kelmti li jien inġagħlu jisma' darba għal dejjem il-kelma tiegħek u ma jiddawwarx barra aktar."

Il-Baxa qam bil-għaġla, resaq lejn ix-xbejba u qalilha b'leħen żorr:

—"Mur, għax il-ħin daħal ġmielu."

—"Papà!"

—"Isma' kliemi!"

B'rasha mixħuta lejn l-art u bid-dmugħ f'għajnejha, Gamila—hekk kien jisimha x-xbejba—bieset id missierha bħal m'huma mdorrija l-Misilmin ta' torbija tajba, u ħarġet bil-qajl minn quddiemu.

Osman Baxa nefaħ nefħa qawwija, beda jimxi minn tarf għal l-ieħor tal-kamra, daqqa jieqaf, oħra jħares il barra mit-tieqa u dlonk igerger minn taħt il-lsien.

"Mur obsor x'kellu jkun għażlu dak it-tifel li fih mort inqiegħed it-tama tiegħi kollha; it-tama li għad jiġi jum u narah f'qagħda għolja fil-ħakma ta' pajjiżna: sew bħalma kont jien, sew bħalma kien missieri, u sew bħalma kienu niesna ta' qabilna. Iżda t-torbija tajba tal-Mislem il-lum ma

tiswiex aktar u d-drawwiet ta' dar: l-lum saru ħolma. Eh! hekk trid il-*moda*!... l-Eġizzjani ta' żmienna ma għarfux jaħtru għajr biss il-għamil il-ħażin tal-barrani. It-tajjeb tiegħu—għalkemm fid-din ma jaqbilx magħna—jiswa' ħafna, iż-żgħażagħ tagħna jħalluh fil-ġenb u fis jaħtfu dawk id-drawwiet li ma jġibux ħlief il-ħerba fir-ruħ u fil-ġisem. U ibni ma naqasx li jagħmel bħall-kotra taż-żgħażagħ masrin... iżda s-sabar tiegħi sa hawn biss wasal. Mil-lum il quddiem Ħalim jeħtieġlu joħroġ għal kollox mill-ħajja tiegħi u jaħseb għal rasu"...

* * *

Immorru ftit lura...

Kien l-aħħar jum tal-Għid il-Kbir; jum li fih il-Misilmin jagħmlu btala mal-pajjiż kollu.

Għall-ħabta ta' nofs il-lejl it-toroq kienu għadhom maħnuqa bin-nies: karrozzi-tan-nar bil-għonja, karrettuni tal-ħmir bil-baxxi, daqq u sokor fil-birreriji; f'kelma waħda għors kbir mal-belt kollha.

It-*tabarins* ta' Xara Emad ed-Din ma naqsux li huma wkoll jieħdu sehem fil-ferħ tal-poplu u għal dik il-lejla sawru *programmi* li għalbu lil dawk ta' drabi oħra u li bihom ġemgħu qtajja' kbar ta' żgħażagħ (u xjuħ ukoll) biex joqogħdu jitpaxxew biż-żfin u l-għana ta'l-aktar artisti magħrufa.

Minn wieħed minn dawn it-*tabarins* ħarġu erba' żgħażagħ eġizzjani aktarx imxengla; jidħku, jitkellmu b'leħen għoli u erħilhom jinbxu lil kull min igħaddi minn għalihom—l-aktar lin-nisa. F'dak il-ħin, in-nies kienet aktar kotrot il-għaliex kienu għadhom kif qaflu ċ-ċinematografi li minnhom f'dik it-trieq jinsabu bosta.

Iż-żgħażagħ waslu fejn Xara Emad ed-Din issallab ma' Avenue Fuwad el-Awwal u wieħed minnhom waqaf u qal lil l-oħrajn li ser jinġabar f'daru.

—"Mela tlift rasek, Ħalim?"—saqsieh wieħed minn sħabu. "Tmur id-dar dal-ħin, għadu bil-kemm nofs il-lejl, u l-aħħar siegħa tal-Għid?"

—"Iva"—wieġeb iż-żagħżugħ l-ieħor li ma kienx ħlief Ħalim, iben Osman Baxa—"Qabel ma ħriġt mid-dar tajt kelmti lix-xiħ li l-lejla ma nisharx, u intom tafu li max-xiħ m'hemmx ċajt. Tarġa' ma rridx nagħtih xi jgħid wisq għax dan l-aħħar il-qiegħa saħnet sewwa bejnietna u li ma kinitx oħti Gamila, kieku min jaf sa fejn konna naslu."

—"U ħallina minn dawn il-ħrejjef! Ma nagħmlux li trid twarrab minna biex imbagħad tmur, minn taħt il-taħt, tiltaqa' ma' Latifa? għax donnha tilfitlek għaqlek il-lejla!"

—"Ħbieb"—wieġeb Ħalim b'leħen imqit—"dak li għedtilkom hu kollu minnu; missieri ħalef bin-Nabi li niksruha kemm-il-darba ma nbiddilx ħajti."

—"Ħalim"—qabeż qal ieħor minn sħabu — "Jien bħalek nisma' dejjem it-tgergir, iżda ma nagħtix widen : mhux hekk biss, saħansitra fl-aħħar dawwart lil missieri li jħalli lil oħti Najma titgħallem tiżfen. Tajba din ukoll! mela wara li aħna mmorru ngħaddu xi snin fil-kulleġġi ta' l-Ewropa, u f'Pariġi, Londra jew Berlin, induqu l-ħlewwa tal-ħajja, se nerġgħu lura f'Masr biex ingħixu bħal dawk ta' żmien Mohammed Ali?"

—"Xtaqt li ma nismax lix-xiħ igerger aktar..."

—"Ħallik mit-tgergir tal-Baxa!... ejja, ejja ntemmu din il-lejla ta' ferħ għand Ali et-Tantawi."

Ħalim sab ruħu mdawwar minn sħabu, u min igħidlu kelma u min oħra, fl-aħħar dawruh.

Rikbu karrozza u wara li ħallew it-triqat kbar u mdawla, daħlu f'wieħed minn dawk l-oqsma tal-belt li għadu ma laħaqhomx sewwa z-zappun tad-Dipartiment tax-Xogħol Pubbliku.

Il-faqar, il-ħmieġ u d-drawwiet il-ħżiena, hawn isaltnu bilqilla tagħhom kollha. Hawn jinsabu dawk il-griebeġ moħbija mill-għajnejn tal-għases fejh kull lejla jiltaqgħu dawk kollha li huma marbutin fl-għada waħxija tal-*ħaxix* (1). Din il-għada fl-Orjent ilha l-mijiet tas-snin; barra minnha, f'dawn l-aħħar snin żdiedet għada elf darba agħar, għada li qed iġġagħal il-Gvern jonfoq l-eluf tal-liri biex jwaqqafha : din hija d-drawwa tax-xamm tal-kokaïna, ta' l-eroïna u tal-puntur ital-morfina.

Għonja, fqar, żgħażagħ, xjuħ, irġiel, nisa u saħansitra tfal intefgħu b'ruħhom u ġisimhom f'din id-drawwa misħuta u min jaf sa fejn kien jibqa' sejjer dan il-ġens qadim kieku l-id qawwija tal-kbarat ingliżi tal-pajjiż ma waqqfithiex fil-ħin.

U sewwa sew f'din id-drawwa, u ma' din ix-xeħta ta' nies kienu waqgħu Ħalim u sħabu—żgħażagħ mill-iżjed għonja, imgħallmin f'Oxford, f'Cambridge, jew f'Universitaijiet oħra ta' l-Ewropa.

## II.

Kienu għaddew tliet snin minn dik il-lejla li fiha rajna lil Ħalim u sħabu sejrin għand Ali et-Tantawi.

Wara ġlieda kbira ma' missieru, Ħalim tkeċċa mid-dar u aktar issokta jitgħargħar fit-tajn ta' ħajja ħażina, sakemm fl-aħħar laħaq l-aħħar tarġa tal-ħerba tiegħu.

Daqqa ta' għajn fuqu kienet biżżejjed biex turik liema ħsara ġieb b'idejh dak iż-żagħżugħ li kien magħmul għal ħajja wisq isbaħ. Idejh li żmien qabel kienu mħarsa bl-akbar reqqa, issa saru mgħaddma u mkemmxa. Xagħru li qabel, kuljum, kien igħaddi mn'idejn l-aħjar "coiffeur" ta' Xara Qasr en-Nil, issa sar imħabbel, maħmuġ u b'ħafna bżiebeż neżlin fuq għonqu.

Kienet lejla xitwija ta' Jannar: reżħa li kien ilu ħafna ma tinħass bħalha waqgħet fuq il-Kajr u ġagħlet lin-nies jinġabru f'darhom kmieni. Il-*cafés*, il-birreriji, iċ-ċinematografi, it-*tabarins*, f'dik il-lejla ma qatgħux sandar!

Imleffef f'xall maħmuġ li trufu kienu niżlin fuq *galabija* (2) iżjed maħmuġa minnu, Ħalim ħaseb huwa wkoll biex jinġabar fil-gorboġ tiegħu.

Imterter bil-bard, iżda miexi qajl qajl bħal wieħed li donnu ma jafx għal fejn se jiġbed, iż-żagħżugħ fl-aħħar wasal fil-*Qism* (3) tal-Gamalija.

Griebeġ nofshom imġarrfa, għorof dojjoq, jintnu u mudlama, triqat mimlija tajn u ħmieġ ieħor, kienu jagħmlu l-inħawi fejn dan il-wild tal-Baxijiet kien issa mar joqgħod. X'qasma kbira bejn hawn u l-*Gezira* fejn kien hemm il-villa ta' missieru!

Il-faqar madwar il-gorboġ ta' Ħalim kien isaltan bil-ħruxija tiegħu kollha.

U 'xxurtjat kien dak li jista' jiftaħar li hawn kellu mill-inqas saqaf fejn jista' jistkenn, għax min jaf kemm nies f'dawn in-naħiet lanqas ma kellhom toqba fejn ideffsu rashom u bil-lejl, xitwa jew sajf, kienu jsibu l-mistrieħ lejli tagħhom billi jitrekknu fid-daħla ta' dawn il-griebeġ, jew inkella taħt xi karrettun jew karozza-tan-nar imkissra jew saħansitra f'xi katusi kbar tad-dranaġġ li jinzertaw maqlugħa għat-tiswija u mixħutin fit-trieq!

Kif idemmgħu għajnejn nies ta' qalb tajba meta jaqgħu fuq dak il-hemm kollu!

U f'dawn l-inħawi mill-ifqar, mill-eħmeġ, fejn il-ftit arja li tidħol tmur titħallat ma' rwejjaħ ta' ntiena u tal-ħruq tal-*ħaxix*, fejn kull ħaġa li fuqha taqa' l-għajn turik mhux biss il-faqar iżda wkoll il-ħażen tan-nies li jgħammru f'dawn is-*slums* tal-Kajr—ix-xitla tad-dnub dlonk issib ħamrija tajba biex tinbet u tixtered.

X'tagħlim ikrah għat-tfal li bil-kotra jitrabbew hawn!...

Harsu lejn dik it-tfajla li bil-kemm għandha tnax-il-sena, wiċċha sfajjar, liebsa *galabija* mqattgħa u maħmuġa, b'daharha mal-ħajt, b'żewġ għajnejn suwed bħat-tut jibru minn wiċċ mixrub bit-tbatija, tistieden lil min igħaddi minn għaliha bi kliem li ma jaqbilx għall-widna....

U issa nidħlu f'wieħed minn dawk il-griebeġ u hemm nilmħu mara, li minn bniedma ma baqgħalhiex għajr sura mbiegħda, b'xagħarha mqanfed, mixħuta fuq ħasira tgħajjat, tidħak u tberraq għajnejha donnha miġnuna. Ħdejha naraw raġel għarkobbtejh ibandal rasu min-naħa għal l-oħra u jgħid kliem li ma jiftiehemx. Tfajjel ta' xi sittax-il-sena b'rasu mixħuta bejn il-qigħan ta' idejh iħares fiss lejn is-saqaf b'ħalqu miftuħ u għajnejh imberrqa bħal wieħed li jkun qed jara xi tiswira li tgħaġġbu.... u x'nitgħallmu minn din it-turija ta' niket u tal-biża'? Nitgħallmu kif il-bniedem jinbidel f'bhima meta jkun taħt il-ħakma tal-*ħaxix* !...

Minn trejqa fil-qrib tinstama' għanja ta' swied-il-qalb li tfakkar lill-għannejja fir-raħal tagħhom fl-imbiegħed *Saïd* (4); dawn ukoll qabel ma jinġabru fil-griebeġ tagħhom marru jżuru lill-*maħxaxa* (5). Ftit il hinn, f'rokna ta' sqaq dejjaq u mudlam, kien hemm xwejjaħ mixħut għall-qiegħa jraħħam "*ħàsàna l-Illah ja moħsenîn*" (6) biex xi qalb tajba tagħtih ħaqq loqma ħalli jitrejjaq. Iżda, jaħasra għalih! Min se jisma' talbu minn dik il-ġemgħa ta' nies barra minn sessihom? Il-għases ta' bil-lejl sabu mas-sebħ lil dak l-imsejken mixħut fl-art, *mejjet* bil-ksiħ tå' dik il-lejla qalila:

U mgezzin fil-kmamar tagħhom kollha għana, maġenb nar qawwi, jew inkella mxaħxħin taħt għata li jaħji fis-sodod tagħhom, il-għonja, irdussati fil-vilel tal-*boulevards* ftit kienu qed iħabblu rashom għat-tbatija li qed issaltan bil-ħruxija tagħha kollha ftit il hinn minnhom: fl-oqsma foqra ta' l-akbar belt ta' l-Afrika!

F'daqqa waħda, fil-ħin li kien għoddu wasal f'daru, Ħalim ħass bħal xejra mejt u ħtieġlu jinżel kokka mal-ħajt biex ma jaqax; għaddielu minn rasu li l-aħħar waqt tiegħu kien wasal u billi f'dak il-ħin il-għaqal tiegħu ma kienx taħt il-ħakma tal-*ħaxix* jew tal-kokaïna, bil-kemm ma feraħx li kien se jeħles minn ħajja li ma kienx jiflaħha iżjed.

Minn xi drabi, saħansitra dawk li mħabba n-nuqqas tal-għaqal tagħhom jintefgħu sa l-aħħar tarġa tal-qżież, jagħirfu ħsarithom u jindmu. Ah! kieku f'dak il-ħin dawn in-nies —aktarx imsejkna milli ħatjin—ikollhom il-ħila jintebħu u jerġgħu lura għal ħajja ta' ġieħ, kemm erwieħ isibu l-mistrieħ tagħhom!

Ħalim baqa' f'dik il-qagħda għal bosta ħin u min jaf kemm kien idum kieku ħoss ta' xi ħaġa li waqgħat maġenbu ma ġibitux f'tiegħu. Ħares lejn l-art u lemaħ xi ħaġa tbajjad fid-dlam fil-ħin li ftit il-bogħod kien qed igħib id-dell ta' dak li kien tefagħha hemm.

Iż-żagħżugħ ġabarha u ra li kienet biċċa flus, li lilu ġiet mitfugħa bi ħniena.

Iben il-Baxa ġie meħud b'tallab !

Id-demm tajjeb ta' twelidu ħassu jitla' f'daqqa għal rasu u fittex li jqum biex jilħaq lil dak il-bniedem ħanin u jurih li hu għallat għax hu, Ħalim, ma kienx qiegħed hemm biex jitlob; iżda donnha naqsitu l-ħila u baqa' fejn kien iħares b'għajnejh imberqa lejn il-*qirx tarîfa* (7) li kellu f'idu. Madankollu dik il-biċċa flus ġietu f'waqtha għax dik il-lejla kien xott bħall-frawli. Ah ! b'din issa jista' jikseb niskata kokaïna jew ipejjep nitfa *ħaxix* minn dak it-tajjeb ta' Brussa li kien fis inessih id-dwejjaq tiegħu !

Faqqa' daħka ta' miżgħud, qam u baqa' sejjer f'*maħxaxa* li kien jaf biha f'dawk l-inħawi u hemm ġew, flimkien ma' ġemgħa nies ta' qattagħni mdawrin kagħka kokka, Ħalim talab *goza* (8) u dlonk intilef f'turijiet ta' l-akbar ħlewwa; xbihat ta' l-isbaħ nisa; tiswir ta' ħwejjeġ li bħalhom ma tistax tara meta tkun f'sessik. F'kelma waħda, madawk li bihom kien imdawwar, iż-żagħżugħ daħal f'dak il-qasam hieni li l-*ħaxxaxin* (9) biss jafu bih.

* * *

Xejn aktar ma kien issa fadallu jagħmel biex jissokta jitgħargħar fit-tajn li bih mar tħammeġ. Dik il-biċċa flus li lilu ġiet mogħtija bi ħniena swiet biss biex fetħitlu trieq oħra li minnha sata' jikseb il-flus mingħajr tbatija.

Ħalim ħatar xogħol li fl-Orjent huwa mxerred ħafna fost nies li jgħixu bl-akkarija billi dawn isibu xi tfal—li bl-eluf hawn imxerrda mat-triqat—u jgħallmuhom imiddu idhom għall-ħniena ta' għajrhom u meta bil-lejl, in-nies ta' ġieħ tkun inġabret f'darha, dawn l-imsejkna jarmu f'qiegħ id rajjishom dak li jkunu qalgħu ma' tul il-lejla u minnu ma jistennewx ħlief nitfa ftira niexfa u ħasira maħmuġa fejn iserrħu l-ġisem magħlub u għajjien tagħhom, meta ma jiddubbawx xi taptipa wkoll.

Ħalim donnu kien jaf sewwa kif għandu jmexxi dan ix-xogħol għax biex aktar iqanqlu l-qalb ta' nies ħanina, għażel tlitt itfal wieħed iżjed imsejken mill-ieħor. Il-kbir kien agħma, il-fustani mifluġ u l-iżgħar imġiddem. Lil dawn il-

qaddejja tiegħu qassamhom fl-aħjar oqsma tal-Kajr ma' l-imwejjed tal-birreriji, fit-triqat il-kbar, ħdejn il-bibien taċ-ċinematografi, fil-waqfiet tat-tramvaj; f'kelma waħda fejn in-nies kienet tista' tarahom sewwa u tħenn għalihom.

Iżda donnu lanqas il-qliegħ ta' dawn l-imsejkna ma kien ixebbgħu biżżejjed il-għaliex fl-aħħar huwa wkoll, b'xall imdawwar ma' rasu biex jagħmilha tal-marid, beda jmidd idu għall-ħniena ta' għajru.

* * *

Fuq niesu xejn aktar ma kien jaf u aħbaru qatt ma tahom. Għalfejn? Bejnu u bejnhom kien hemm qasma kbira u missieru li kien bil-bosta mkabbar bin-nisel tiegħu ma kienx se jerġa' jaħfirlu. U oħtu Gamila? Baħ! jeħtieġ tintesa hija wkoll.

III.

Iżda f'din id-dinja kull bidu għandu t-tmiem tiegħu.

Lejla waħda, Ħalim kien qiegħed iħares lejn wirja fil-ħġieġ ta' ħanut kbir ta' Avenue Fuwad el-Awwal x'ħin ma' ġenbu waqfet karrozza tan-nar. Is-sewwieq niżel b'xi ħaġa f'idu u baqa' dieħel fil-ħanut. Bħalma kien issa dara meta jara l-għonja, Ħalim dlonk resaq lejn il-bwejba tal-karrozza b'idu miftuħa u bi driegħu mnewwel il quddiem. Ġewwa kien hemm żagħżugħa kollha medhija tqalleb il-folji ta' ġurnal tal-moda.

—"Ikollok ħniena, ja Hanem (10)".

Iż-żagħżugħa refgħat rasha u ħarset lejn Ħalim bil-ħlewwa.

Fil-wiċċ ħelu tagħha dan għaraf lil oħtu Gamila!

Raġa' lura mbellah u aktar miġnun jew inkella f'sessih u telaq jiġri mat-triqat.

Dik id-dehra qatt mistennija għalih kienet bħal laqta ta' sajjetta. Dik il-laqgħa għalih kienet ktieb miftuħ li fuq kull folja tiegħu kien hemm saba' juri dejjem kelma waħda! NAR!

Nar!.. Nar!.. ġmamar ma' kullimkien, aktar ma beda jdur mat-triqat iżjed bdew joktru quddiemu dawk il-ġmamar. Issa l-bogħod u issa fil-qrib, daqqa fl-art u oħra fis-sema l-ġmamar ma ridux iħalluh. Iżjed ma beda għaddej il-ħin aktar bdew jiżdiedu u fl-aħħar ingħaqdu u għamlu munġbell li jwaħħax. Moħħ iż-żagħżugħ, imħassar bit-tipjip tal-*ħaxix* u bix-xamm tal-kokaïna, donnu tassew kien ħa n-nar f'daqqa waħda!

Hekk jintilef il-moħħ ta' dawn l-imsejkna. Il-manikomji ta' l-Eġittu huma miżgħuda bihom.

Ħalim baqa' jiġri u jhewden: imbażża' minn dawk in-nirien li ħassu bihom imdawwar... kif sata' jaħrab minnhom?... Ah! in-Nil! dik ix-xmara ħelwa li l-ilmijiet tagħha kien jarahom niżlin minn quddiem il-villa ta' missieru. In-Nil, il-għana u l-hena ta' Masr! Hija biss tista' tħarsu u tkennu minn dawk in-nirien ta' Gohannam (11). Setgħu dawn jirbħu lin-Nil ukoll? Le! qatt, qatt!

* * *

Ix-xemx kienet qed tiżreġ bil-ħlewwa kollha tagħha fuq wied in-Nil mimli bil-ħdura.

Fuq ix-xmara mal-*barraġe* tal-Qaljubija, kien hemm dgħajsa kbira tad-Dipartiment tal-Pontijiet b'xi nies ġo fiha; tnejn minnhom bl-asti twal f'idejhom b'ganċ fit-tarf kienu qegħdin jitħabtu biex jaqilgħu xi ħaġa li l-kurrent kien mar iwaħħal mal-bibien tal-ħadid tal-*barraġe* li f'dak il-ħin kienu maqfula għat-tqassim ta' l-ilma.

—"Jalla, ja Ħasan"—qal ir-rajjes li kien fil-poppa—"aħtfu issa."

U l-ganġ ta' Ħasan dlonk issannar f'dak li kien hemm fil-wiċċ ta' l-ilma u bl-għajnuna ta' l-oħrajn wassluh sa qiegħ id-dgħajsa.

It-tlitt irġiel daru miegħu biex jaraw sewwa x'inhu.

—"Hmm!"—gerger ir-rajjes—"drajniha issa, imgħarraq ieħor."

—"Jaħasra għadu żagħżugħ ħafna"—qal wieħed mill-qaddiefa.

—"Il-lum is-sajda ma tatniex x'nagħmlu wisq"—raġa' r-rajjes "għax ħadd ħlief dan l-imsejken ma ġie jieqaf mal-bibien tal-pont. Isa, aqdfu lejn l-art ħalli neħilsu minnu u mmorru lejn ir-raħal għax biżżejjed għamilna lejl sħiħ fuq l-ilma.

U ġisem l-imgħarraq ġie meħud fejn jieħdu lil dawk kollha li jsibu mewthom barra minn darhom, biex in-nies tista' tagħrafhom.

Iżda ħadd ma mar igħid li dak l-imgħarraq kien qaribu u wara ftit indifen taħt ftit xbar trab fil-*Madfan* (12) ta' Imam ex-Xâfi.

* * *

U b'hekk in-Nil ħeles lil Ħalim, iben il-kburi Osman Baxa, minn dak il-munġbell tan-nar li awl il-lejl kienet qanqlet fil-moħħ marid tiegħu d-dehra t'oħtu Gamila.

(1) *Haxix*=Cannabis Indica. Din is-siġra tinbet fl-Indja, fil-Balkani u f'inħawi oħra tal-Lvant. Tinbet ukoll fl-Amerika fejn hija magħrufa taħt l-isem ta' "marihwana".

(2) *Galabija*=Blusa twila, aktarx ta' lewn iżraq, milbus min-nies baxxi.

(3) *Qism*=Distrett. Il-Kajr fih erbatax il-'Qism'; plular 'Aqsâm'.

(4) *Is-Saïd*=L-Eġittu ta' Fuq.

(5) *Maħxaxa*—Gorboġ fejn jiltaqgħu dawk li jpejpu l-*ħaxix*.

(6) *Hàsàna l-Illah, ja moħsenin"*=It-tallaba ta' l-Eġittu, mixħutin għall-qiegħa ta' l-art, igħidu dan il-kliem waħda f'waħda li bil-malti bejn wieħed u ieħor ifisser "f'ġieħ Alla ja nies ħanina, agħmlu karità.

(7) *Qirx tarifa*=Biċċa flus eġizjana: qisha ħmistax-il-ħabba.

(8) *Gôza*=Bħal pipa kbira magħmula mill-ġewż ta' l-Indji.

(9) *Haxxaxin*=Hekk jissejħu dawk li jpejpu jew jieklu l-*ħaxix*. Dawn igħidu li meta jkunu taħt il-ħakma tiegħu jidhrulhom ħwejjeġ ta' kull għamla li jhennuhom u jġagħluhom iħossu li daħlu f'dinja oħra.

(10) *Hanem (*plural *Hawonem*) Hekk jixraq li jissejħu n-nisa ta' grad ogħla minn dak tan-nofs. Il-kelma hija torka.

(11) *Gohannam*=Infern.

(12) *Madfan*=Ċimiterju.

# LILL-GĦAJJUR

Għidli għala ħbub għajnejk
Xejn ma jixbhu lil tal-bieraħ
Ja għajjur?..! Tixbeh lill-qamar;
Daqqa mimli, oħra fieragħ!...—

...Xi ħsieb ħajjen berrint f'moħħok!
Turi s-sfura ta' ħaddejk;
Donnu s-semm ħiereġ bħal vleġeġ...
Biż-żebbiġ ta' ħbub għajnejk!

Daqqa tidher se tinfena
Donnha nliet qalbek bil-hemm,
Oħra donnha mfawra bl-hena
Iżda għajnejk dejjem bis-semm!

Indunajt tal-ferħ, u n-niket
Kif issir dil-bidla fik!—
Tfur bil-ferħ għad-deni t'għajrek
Iżda l-ġid ta' ħuk jifnik!

R. M. B.

## LILL-MADONNA TA' LOURDES F'EGĦLUQ IL-ĠUBLEW TA' L-1933

26-28 ta' April 1935

Ħares, Madonna: fuq il-ġnus ħosbiena
  għaddejja sħaba sewda, berreqija:
  kulħadd imbażża' qiegħed jitlob ħniena,
  biex l-Ewropa ma tmutx f'baħar ta' dmija.
Għax aħna nafu li Sultan-il-ħiena
  iħaddem moħħu w qalbu fil-ħruxija;
  u jekk ilbieraħ kienu l-għodda ħżiena
  tal-ġlied, il-lum saru bla tarf waħxija.
Inti li taf kif jiżen il-Mulej,
  u taf kif jgħabbar in-nirien tal-Qilla
  bl-ilma tal-Ħajr, meta tibki l-Indiema,
tħallix, Madonna, li tintemm fix-xej'
  it-Talba tal-ġwejdin: miktub ewwilla
  li qatt id-dinja m'għandha jkollha SLIEMA?

Nhar Ħamis-ix-Xirka

## QASSIS ĠDID (1)

*Euntes .. praedicate Evangelium*

Xterdu mad-dinja; lill-ġnus kollha niedu
  l-aħbar it-tajba li ġibtilkom jiena:
  iġbdu bil-ħlewwa lit-tajbin; mal-ħżiena
  kunu qlubin daqs kemm tkun ħarxa l-ġlieda.
Jiena nkun magħkom: u għalxejn qerrieda
  tgħaddi x-xabla ta' Setgħa mingħajr ħniena,
  għax jiġġarrfu s-saltniet bis-snin għajjiena
  u l-Knisja tiegħi tibqa' żżid f'uliedha.
Hekk wara l-Qawma lit-Tnax àmar Kristu,
  u l-Kelma waslet ġewwa Ateni u Ruma,
  u xegħlu żewġ nirien: l-Għira w l-Imħabba.
Issa wasal għalik l-àmar ta Kristu,
  Saċerdot ġdid: bħal Pawlu ġewwa Ruma
  xandar l-aħbar tas-Sliem u ta' l-Imħabba.

Nhar l-Għid-il-Kbir, 1935 **Dun Karm**

(1) Dun Pawl Calleja tal-Mosta.

# GĦAJDUT MALTI

*(Jissokta mal-paġ. 143 tal-Għaxar sena),*

149. Kif ħabat laħaq.
150. Dak jobromhom.
151. Ruħ ta' fula.
152. B'xierfu kollu.
153. Iddabbar rasek.
154. Ħabat sebgħu.
155. Jew ass jew ċass.
156. Ta' ħajja nxuma.
157. Minnek 'l Alla.
158. Ħalib ommu fi snienu.
159. Qalbu f'idejh.
160. Qalbu ġġib.
161. Wiċċu jixhidlu.
162. Ta' żaqqu f'fommu.
163. Ħabba jrid u jikxifni.
164. Ħorrox borrox.
165. La kap u la kuda.
166. Xiber nies.
167. L-iskusa fil-komma.
168. Ferħan b'rixu.
169. Il-ħabel u s-satal.
170. Kelb u qattus.
171. Min qatt kiel il-kirxa miegħek!
172. It-tilqim tal-ġidri meraħlu għal wiċċu.
173. Kemm ra fuq wiċċu sa trabba.
174. Żelaq fin-niexef
175. Ilu 50 sena bil-magħmul.
176. Waqa' fil-bir tas-skieken.
177. Alla m'għamlu.
178. Ilu minn żmien żemżem.
179. Waqa' l-ass.
180. Qabad it-trieq it-twila.
181. Ħabat difru.
182. Ħabta u sabta.
183. Tarah il-qamar fil-bir.
184. Jien bandiera bajda.
185. Ma rridux ħabbata wara l-bieb.
186. Ma rridx inkun sufa f'ġismu.
187. Ajma jommi!
188. Dak biċċa deheb mastizz.

189. Fula f'qargħa.
190. Tala' d-demm għal rasu.
191. Ħobż u ġobon.
192. Ħobż u sikkina.
193. Xammha tinten.
194. Kisirlu għonqu.
195. Teħles b'wiċċ il-ġid.
196. Għandu wiċċ il-musbieħ.
197. Jagħmilha tajjeb.
198. Basta r-rota ddur.
199. Daħħal il-lifgħa f'kommtu.
200. Bejn in-nar u l-ilma.
201. Usalna f'xifer it-tarf.
202. Bejn sema u ilma.
203. Moħħu jtih.
204. Mad-daqqa t'għajn.
205. Alla ma għamlu.
206. Ġieb għajnejh wara widnejh.
207. Ta' fommu sieket.
208. Wiċċu jtih.
209. Spallejh mal-ħajt.
210. Għadu żinżill.

V. M. B.

## IL-ĦRAFA TA' KIF IL-MEWT HIJA GĦAMJA U TRUXA

Il-Bambin bagħat il-Mewt għal waħda armla; meta marret (il-mewt) sabet lil din il-mara b'ħafna tfal iġebbdu ma' djulha li ma tafx fejn tagħti rasha bihom. Il-Mewt tħassrithom lil dawk it-tfal li ma jridux ħlief minn ommhom, u l-mara li kienet tinsab hekk imħabbta. Marret quddiem il-Bambin. Qaltlu:

—Uh, Mulej, kif tridni nġibha? Tħassart lilha u lit-tfal tagħha"

"Mur ġibli ċagħka minn nofs ta' baħar," qallha.

Meta ġibitlu ċ-ċagħka, qasamhielha; sab duda ġo fiha—qallha: "Dik imnejn hi tgħix?"

" Mill-ħniena tiegħek, ja Mulej"

" U hekk igħixu dawk mill-ħniena tiegħi kieku ġibt 'l ommhom."

Qalgħalha għajnejha u saddilha widnejha biex la tara u anqas tisma'.

V. M. B.

# KOTBA LI WASLULNA

## (STAMPATI BL-ALFABETT U BL-ORTOGRAFIJA TAGHNA)

M. Kissaun.—*Il-Ħajja tar-Re Ġorġ V. u tar-Reġina Marija* pp. 100 Empire Press, 1935.

Il-festi li Malta għamlet lir-Re u r-Reġina, egħluq il-25 sena tat-tlugħ tagħhom fis-saltna, kienu sbieħ kif sata' jara kulħadd. F'din l-okkażjoni l-Isien malti nsama' għal l-ewwel darba fuq ir-Radio, u f'dar il-Malti dwiet il-kelma maltija biex tifraħ u tixtieq għomor twil lis-slaten tagħha f'jum hekk sabiħ. F'din l istess okkażjoni, il-kitba maltija żdiedet b'daqsxejn ta' ktejjeb ta' 100 paġna bil-ġrajja kollha ta' ħajjet ir-Re Ġorġ V. u r-Reġina Marija—ktieb li xtered, jew għal l-inqas imissu jixtered, fid-djar kollha ta' Malta biex jibqa' tifkira tas-slaten maħbuba tagħha.

Din il-Ħajja ħadet il-premju fil-konkors li nieda l-Gvern għal daqshekk, u meta wieħed jaqra dan id-daqsxejn ta' ktejjeb isibha minsuġa tajjeb u ma jonqosha xejn. Il-ktieb hu mqassam tajjeb u stampat pulit fl-Empire Press u mżewwaq b'seba' stampi mill-ħajja tagħhom, il-biċċa l-kbira meħuda minn ritratti jew kwadri li għandhom x'jaqsmu ma' Malta.

* * *

G. Orlando.—*25 Tqabbila* pp. 24 Lux Press, 1935.

Is-sur Ġużè Orlando stampa, għax ma xtaqhomx jintilfu, 25 poeżija milli kiteb hu. Il-poeżija, kif qal hu, dejjem tfakkar lil min jiktibha f'ħafna mill-bċejjeċ ta' ħajtu, u, inżidu aħna, għal min jaqraha, dejjem fiha xi gost, xi ħlewwa, xi sengħa moħbija. Il-poeżijiet tas-sur Orlando fihom dik ix-xejra patrijottika, u meta wieħed jiftakar fliema żmien inkitbu jista' jżomm dan il-ktieb bħala tifkira.

* * *

Dun Alwig Galea.— *Ħajja ta' San Franġisk di Paola.* pp. 144 Lux Press, 1935.

Egħluq iċ-ċentinarju tat-twaqqif ta' l-Ordni tal-Minimi ta' dan il-Kbir Qaddis ta' Paola ħajjar lil xi ħadd mid-devoti

tiegħu li jarġa' jistampa l-ħajja tiegħu li, ħafna snin ilu, kiteb u stampa Dun Alwiġ Galea, Alla jtih il-Ġenna. Il-ħajja umli, medhija kollha fit-talb u ta' ħidma li għadda dan il-Qaddis, il-kotra ta' mirakli li huwa għamel ġibdu lejh devoti mad-dinja kollha, u hawn Malta, fejn hu wieħed mill-patruni tagħha, huma bosta dawn id-devoti. Ħsieb tajjeb li dan il-ktieb ġie stampat bl-ortografija u l-alfabett tal-Għaqda, u ħsieb tajjeb ukoll li ġie mżewwaq b'ħafna xbihat tiegħu aktarx meħuda minn kwadri li jinsabu hawn Malta biex jixhdu d-devozzjoni tiegħu f'din il-Gżira.

* * *

Patri Ġorg Xerri O.F.M.—*Storja Qasira ta' l-Arċikonfraternità tas-Santissimu Kurċifiss u tal-Passjoni tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu tal-Belt Valletta.* pp. 56. Lux Press.

Din l-istorja l-ewwel ġiet miktuba bit-Taljan mill-kittieb u issa minnu stess miġjuba bil-Malti u stampata bl-ortografija tagħna.

* * *

*Il-Kbira Missjoni tas-Saċerdot ta' Kristu,*—Kliem ta' tifħir u ta' ġieħ li niseġ il-Patri Lettur Ġorġ Xerri O.F.M. fl-Ewwel Quddiesa li qaddes Dun Salvinu Grima Ph. D. fil-parroċċa taż-Żejtun fil-31 ta' Diċembru 1933, stampat fil-Lux Press.

* * *

*L-Isem Imqaddes t' Alla,*—taħdita qasira mtennija minn fuq iz-zuntier tal-Knisja parrokkjali l-Qrendi fit-18 ta' Novembru 1934 minn Rob. Mifsud Bonnici u stampata fil-Holy Name Press. Rabat.

* * *

*Melita Agricola.*—Rivista ta' kull xahar fuq il-Biedja Maltija, toħroġ mill-Uffiċċju tal-Biedja. Jannar-Marzu 1935.

* * *

*Leħen il-Malti,*—maħruġ mill-Għaqda tal-Malti (Università) Mejju-Ġunju. Il-motto, li f'kull ħarġa jġib fil-qoxra, ta' din id-darba, huwa: "Lil min refagħni u ma' ilsna oħra għollieni, insellem u nixtieq kull ħajr."

* * *

*Il-Qari Malti.*—Leħen ħbieb il-lsien Malti li joħroġ is-sur Tonin Said ta' Chareh Ramses Port Said u jqassmu lill-ħbieb tal-Malti. It-Tieni sena April 1935. Għadd 12.

* * *

*"The Australian Maltese (Il-Malti Awstraljan)".*

Waslilna l-ewwel numru ta' din il-gazzetta, ta' Brisbane, Queensland, li ħareġ fit-22 ta' Mejju li għadda; gazetta illustrata, b'għaxar faċċati, sitta ġewwinin u erbgħa qoxra nofsha bl-ingliż u nofsha bil-malti, u mżewqa tassew, li, kif fissru rwieħhom l-awtoritajiet ċivili u reliġjużi tal-post, ma tistax ma tagħmilx ġid kbir.

L-alfabett li għażel l-Editur hu dak tal-Għaqda, u dan ferraħna mhux ftit. Iżda ntbaħna illi min jieħu ħsieb ta' l-ortografija għadu mhux imħarreġ biżżejjed. Jarġa' l-istamperija ma għandhiex l-ittri kollha meħtieġa għal l-ortografija tajba. Iċ-ċ, il-ġ iż-ż bit-tikka ma jidhru mkien anqas l-ħ bilqatgħa.

Fil-waqt li nifirħu b'qalbna kollha lid-Direttur u lil dawk kollha li għandhom sehem fil-ħruġ ta' "Il-Malti Awstraljan" nixtiqulhom li l-gazetta tikber u tissaħħaħ biex tista' tagħmel il-ġid li għalih inħolqot.

* * *

*Il-Letteratura Maltija barra minn Malta.*— Waslitilna kopja tal-"Bulletin of the School of Oriental Studies, London Institution", Vol. VII, Part 4., 1935, fejn, taħt l-isem ta' "Modern Maltese Literature" hemm artikolu mill-pinna tar-Revd. C. L. Dessoulavy.

L-artikolu jibda b'li qal George Percy Badger (ara l-ktieb tiegħu "Description of Malta and Gozo" Malta 1838, paġ. 13) madwar mitt sena ilu, illi "Bi ftit tal-għaqal u bi ftit tal-ħidma, il-Maltin kienu jistgħu jkollhom il-lsien miktub li ma jċediha lil ebda wieħed ieħor la fil-ġmiel tal-għajdud (jew frażi) anqas fil-kotra tal-kliem." Iżda l-Maltin, jissokta jgħid, qatt ma riedu

jdaħħlu l-kitba għarbija għaliex kienu jibżgħu li jittieħdu b'nies ta' l-Asja, jew ta' l-Affrika.

Isemmi kif il-franċiż kien il-lsien ewlieni ta' l-Ordni ta' San Ġwann, u kif maż-żmien it-taljan daħal hawn Malta, u l-effetti xi drabi ħżiena li hu kellu, l-iżjed fuq l-ismijiet tal-familji.

Jidħol imbagħad fis-suġġett u jiġi għat-twaqqif tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u x-xogħol tagħha, u għall-għażla ta' l-alfabett imsawwar minnha meta l-awtoritajiet qatgħu li għandhom idaħħlu l-Malti fit-tagħlim.

Jiġri ġirja ħafifa, iżda miżuna u għaqlija, fuq il-kitba li saret, sewwa fir-Rivista "Il-Malti" u sewwa barra minnha minn xi membri u xi ħbieb tal-Għaqda, u jagħti l-ismijiet ta' l-aħjar kittieba, sewwa tal-proża u sewwa tal-poeżija; u, biex jagħti ħjiel tal-versi Maltin, iġib erbgħa mill-Għanja tar-Rebħa ta' Dun Karm :

"U int, ja xemx, fil-mixja ta' kull sena
Li tkejjel biha l-ġrajja tal-bnedmin,
Xandar lill-ġnus taż-żewġ qasmiet tad-dinja
Li qatt rebħa ma rajt isbaħ minn din.

# KOTBA OĦRA

*San Vincens ta' Paula.* -Xogħol ta' F. A. Forbes, im fisser bil-Malti fl-1920 minn Alf M. Galea. Sliema 1935.

L-ewwel darba li deher dan il-ktieb kien fl-1921. Din hi t-tieni darba.

Ktieb minn tas-sur Fons hu dejjem ktieb ta' fejda, għax hu jgħix bħal naħla, imur fuq il-ward kollu, imma jieqaf fejn hemm iżjed għasel. Biżżejjed taqra r-rjus tal-ħdax-il-taqsima li fih dan il-ktieb biex tintebaħ li għandu jkun ktieb sabiħ li jiswa mitqlu deheb.

* * *

*Kuddiesa u Tkarbina* —flimkien ma' San Ġwann Bosco ta' Dun Alwiġ Rolando b'żjieda ta' Talb miġjub fil-Malti minn Kassis Għawdxi. Stamperija tas-Salesjani, Malta 1935.

*San Ġwann Fisher*—mill-Ingliż ta' Monsinjur Cologan. Malta B. 1 Għakda ta' Kari Tajjeb. Empire Press 1935

*San Tumas More*— mill-Ingliż ta' Monsinjur Hallet, Malta B. 2 Għakda ta' Kari Tajjeb. Empire Press 1935

Tliet kotba sbieħ u ta' fejda li jixirqu li jkunu f'idejn kulħadd; l-ewwel wieħed ktieb tad-devozzjoni u t-tnejn l-oħra kotba ta' tagħlim u ta' qari tajjeb u, fl-istess ħin, ta' soġġett imfittex u ta' żmienu għax il-ħajja taż-żewġ qaddisin ingliżi imtalla' fuq l-artali dan l-aħħar.

Ħaġa waħda biss nixtiequ ngħidu fuqhom, u l-iżjed it-tnejn ta' l-aħħar li, milli jidher, huma l-bidu ta' serje ta' kotba li bi ħsiebha toħroġ bil-Malti l-*Għakda ta' Kari Tajjeb*.

Dawn il-kotba huma stampati bl-ortografija u bl-alfabett li kien juża l-Gvern qabel ma adotta għal kollox tal-Għaqda tagħna jew dak l-alfabett u ortografija li bihom kien joħroġ *Leħen is-Sewwa*, sa ma ttieħed f'idejn min qed imexxih il-lum;—ortografija tajba, mibnija fuq ir-reguli li ġabret u ħarġet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, biss mhux bl-alfabet fonetku tagħha, dak l-alfabett illi issa huwa użat mill-Gvern fil-publikazzjonijiet tiegħu bil-Malti u mgħallem fl-Iskejjel.

Xtaqna ħafna li dawn il-kotba tal-*Għakda ta' Kari Malti* bdew joħorġu mill-ewwel mhux biss b'ortografija tajba (kif qegħdin joħorġu) iżda wkoll bl-alfabett tal-Għaqda tagħna la darba bdew joħorġu issa li dan l-alfabett hu mgħallem fl-Iskejjel. Ir-reguli ta' l-ortografija li ġabret il-Għaqda, u l-alfabett li għażlet huma, bla ebda dubju, mibnija fuq ix-xejra u l-ħtieġa tal-lsien malti u ħadd ma jista' jmaqdarhom jew imerihom. Il-ħrafa, imbagħad, li kotba bl-alfabett u bl-ortografija tal-Għaqda ma jinqrawx u ħadd ma jrid jaf bihom, il-lum spiċċat. Naraw kemm kotba qegħdin joħorġu bl-alfabett u l-ortografija tal-Għaqda u naraw ukoll li sew it-tfal li telgħin mill-Iskejjel tal-Gvern u sew iż-żgħażagħ li jitgħallmu għall-eżamijiet tal-Gvern kollha bihom jafu jiktbu u bihom jaqblilhom jaqraw; u li minn hawn u ftit ieħor kotba li ma jkunux b'din l-Ortografija ma jkunux imfittxa. It-tfal jikbru u jkunu jridu f'idejhom kotba miktuba kif tgħallmu fl-iskola.

☞ *Nitolbu li min jistampa xi ktieb bl-ortografija tal-Għaqda tagħna jgħarraf bih lil l-Editur "Il-Malti"*

*c/o Empire Press 266 Sda. S. Paolo—Valletta*

## KONKORS TA' POEZIJI

GĦALL-

## ALMANAKK "PRONOSTKU MALTI" 1936

Id-Ditta GIOV. MUSCAT din is-sena, bħal fl-imgħoddi, tagħti sitt premijiet sbieħ għal l-aħjar sitt poëżiji li jinbagħtulha għal l-Almanakk "Pronostku Malti" tas-sena 1936. Il-premijiet huma dawn :—

| | |
|---|---|
| L-EWWEL PREMJU :— | Nuovissimo Melzi Dizionario della Lingua Italiana — Edizione recentissima, u klamar tal-metal fin u sabiħ għal fuq l-iskrivanija; |
| IT-TIENI PREMJU :— | Arloġġ tan-nickel bil-kalendarju għal fuq l-iskrivanija; |
| IT-TIELET PREMJU :— | Kalendarju perpetwu, tan-nickel għal fuq l-iskrivanija; |
| IR-RABA' PREMJU :— | "Jewel" fountain Pen; |
| IL-ĦAMES PREMJU :— | Sitt rumanzi bl-ingliż kbar u sbieħ; |
| IS-SITT PREMJU :— | Ktieb tal-Ġublew tal-Fidda tar-Re Ġorġ V "Good King George's Glorious Reign". |

KONDIZZJONIJIET :—

1) Il-poëżiji jistgħu jkunu fuq kwalunkwe suġġett;
2) Il-poëżiji hemm bżonn ikunu fil-qosor kemm jista' jkun, u ma jridux jkunu ta' iżjed minn 40 vers;
3) Il-poëżiji jridu jkunu miktubin bl-ortografija tal-Għaqda;
4) Hemm żmien sabiex jinbagħtu l-poëżiji sal-15 ta' Awissu;
5) Il-poëżiji li jinbagħtu ma jingħatawx lura;
6) Il-poëżiji li ma jeħdux premju jistgħu wkoll jiġu ippublikati mingħajr ebda kumpens;
7) Id-deċiżjoni ta' l-Editur hija finali;
8) Il-poëżiji għandhom jinbagħtu lid-Ditta GIOV. MUSCAT, 48, Strada Mercanti, Valletta.